28. There is one other point which I would like to emphasize, since it significantly affects the authenticity of our communal sharing in the Eucharist. It is the impulse which the Eucharist gives to the community for *a practical commitment to building a more just and fraternal society*. In the Eucharist our God has shown love in the extreme, overturning all those criteria of power which too often govern human relations and radically affirming the criterion of service: "If anyone would be first, he must be last of all and servant of all" (*Mc* 9:35). It is not by chance that the Gospel of John contains no account of the institution of the Eucharist, but instead relates the "washing of feet" (cf. *Jn* 13:1-20): by bending down to wash the feet of his disciples, Jesus explains the meaning of the Eucharist unequivocally. Saint Paul vigorously reaffirms the impropriety of a Eucharistic celebration lacking charity expressed by practical sharing with the poor (cf.*1Cor* 11:17-22, 27-34).

Can we not make this *Year of the Eucharist* an occasion for diocesan and parish communities to commit themselves in a particular way to responding with fraternal solicitude to one of the many forms of poverty present in our world? I think for example of the tragedy of hunger which plagues hundreds of millions of human beings, the diseases which afflict developing countries, the loneliness of the elderly, the hardships faced by the unemployed, the struggles of immigrants. These are evils which are present—albeit to a different degree—even in areas of immense wealth. We cannot delude ourselves: by our mutual love and, in particular, by our concern for those in need we will be recognized as true followers of Christ (cf. *Jn* 13:35; *Mt* 25:31-46). This will be the criterion by which the authenticity of our Eucharistic celebrations is judged.

## CONCLUSION

29. *O Sacrum Convivium, in quo Christus sumitur!* The *Year of the Eucharist* has its source in the amazement with which the Church contemplates this great Mystery. It is an amazement which I myself constantly experience. It prompted my Encyclical *Ecclesia de Eucharistia*. As I look forward to the twenty-seventh year of my Petrine ministry, I consider it a great grace to be able to call the whole Church to contemplate, praise, and adore in a special way this ineffable Sacrament. May the *Year of the Eucharist* be for everyone a precious opportunity to grow in awareness of the incomparable treasure which Christ has entrusted to his Church. May it encourage a more lively and fervent celebration of the Eucharist, leading to a Christian life transformed by love.

There is room here for any number of initiatives, according to the judgement of the Pastors of the particular Churches. The *Congregation for Divine Worship and the Discipline of the Sacraments* will not fail to provide some helpful suggestions and proposals. I do not ask, however, for anything extraordinary, but rather that every initiative be marked by a profound interiority. If the only result of this Year were the revival in all Christian communities of the celebration of Sunday Mass and an increase in Eucharistic worship outside Mass, this Year of grace would be abundantly successful. At the same time, it is good to aim high, and

not to be content with mediocrity, since we know we can always count on God's help.

30. To you, dear *Brother Bishops*, I commend this Year, confident that you will welcome my invitation with full apostolic zeal.

Dear *priests*, who repeat the words of consecration each day, and are witnesses and heralds of the great miracle of love which takes place at your hands: be challenged by the grace of this special Year; celebrate Holy Mass each day with the same joy and fervour with which you celebrated your first Mass, and willingly spend time in prayer before the tabernacle.

May this be a Year of grace also for you, *deacons*, who are so closely engaged in the ministry of the word and the service of the altar. I ask you, *lectors, acolytes and extraordinary ministers of holy communion*, to become ever more aware of the gift you have received in the service entrusted to you for a more worthy celebration of the Eucharist.

In particular I appeal to you, *the priests of the future*. During your time in the seminary make every effort to experience the beauty not only of taking part daily in Holy Mass, but also of spending a certain amount of time in dialogue with the Eucharistic Lord.

*Consecrated men and women*, called by that very consecration to more prolonged contemplation: never forget that Jesus in the tabernacle wants you to be at his side, so that he can fill your hearts with the experience of his friendship, which alone gives meaning and fulfilment to your lives.

May all of you, *the Christian faithful*, rediscover the gift of the Eucharist as light and strength for your daily lives in the world, in the exercise of your respective professions amid so many different situations. Rediscover this above all in order to experience fully the beauty and the mission of the *family*.

I have great expectations of you, *young people*, as I look forward to our meeting at the next *World Youth Day* in Cologne. The theme of our meeting— *"We have come to worship him"*—suggests how you can best

experience this Eucharistic year. Bring to your encounter with Jesus, hidden in the Eucharist, all the enthusiasm of your age, all your hopes, all your desire to love.

31. We have before us the example of the Saints, who in the Eucharist found nourishment on their journey towards perfection. How many times did they shed tears of profound emotion in the presence of this great mystery, or experience hours of inexpressible "spousal" joy before the sacrament of the altar! May we be helped above all by the Blessed Virgin Mary, whose whole life incarnated the meaning of the Eucharist. "The Church, which looks to Mary as a model, is also called to imitate her in her relationship with this most holy mystery".(26) The Eucharistic Bread which we receive is the spotless flesh of her Son: *Ave verum corpus natum de Maria Virgine*. In this Year of grace, sustained by Mary, may the Church discover new enthusiasm for her mission and come to acknowledge ever more fully that the Eucharist is the source and summit of her entire life.

To all of you I impart my Blessing as a pledge of grace and joy.
*From the Vatican, on 7 October, the Memorial of Our Lady of the Rosary, in the year 2004, the twenty-sixth of my Pontificate.*

## IOANNES PAULUS PP II

(1) Pastoral Constitution on the Church in the Modern World *Gaudium et Spes*, 45.
(2) Cf. *ibid.*, 22.
(3) No. 55: *AAS* 87 (1995), 38.
(4) Cf. Nos. 32-34: *AAS* 90 (1998), 732-734.
(5) Cf. Nos. 30-32: *AAS* 93 (2001), 287-289.
(6) *Ibid.*, 35: *loc. cit.*, 290-291.
(7) Cf. Apostolic Letter *Rosarium Virginis Mariae* (16 October 2002), 19-21: *AAS* 95 (2003), 18-20.
(8) Encyclical Letter *Ecclesia de Eucharistia* (17 April 2003), 53: *AAS* 95 (2003), 469.
(9) Cf. No. 51.
(10) *Ibid.*, 7.
(11) Cf *ibid.*, 52.
(12) Encyclical Letter *Ecclesia de Eucharistia* (17 April 2003), 10: *AAS* 95 (2003), 439.
(13) Cf. John Paul II, Encyclical Letter *Ecclesia de Eucharistia* (17 April 2003), 10: *AAS* 95 (2003), 439. Congregation for Divine Worship and the Discipline of the Sacraments, Instruction *Redemptionis Sacramentum* on certain matters to be observed

or to be avoided regarding the Most Holy Eucharist (25 March 2004), 38: *L'Osservatore Romano*, Weekly Edition in English, 28 April 2004, Special Insert, p.3.

(14) Cf. Encyclical Letter *Mysterium Fidei* (3 September 1965), 39: *AAS* 57 (1965), 764; Sacred Congregation of Rites, Instruction *Eucharisticum Mysterium* on the Worship of the Eucharistic Mystery (25 May 1967), 9: *AAS* 59 (1967), 547.

(15) Cf. Message *Spiritus et Sponsa*, for the fortieth anniversary of the Constitution on the Sacred Liturgy *Sacrosanctum Concilium* (4 December 2003), 13: *AAS* 96 (2004), 425.

(16) Cf. Congregation for Divine Worship and the Discipline of the Sacraments, Instruction *Redemptionis Sacramentum* on certain matters to be observed or to be avoided regarding the Most Holy Eucharist (25 March 2004): *L'Osservatore Romano*, Weekly Edition in English, 28 April 2004, Special Insert.

(17) Cf. *ibid.*, 137, *loc. cit.*, p.11.

(18) Cf. John Paul II, Encyclical Letter *Ecclesia de Eucharistia* (17 April 2003), 44: *AAS* 95 (2003), 462; *Code of Canon Law*, canon 908; *Code of Canons of the Eastern Churches*, canon 702; Pontifical Council for Promoting Christian Unity, *Directorium Oecumenicum* (25 March 1993), 122-125, 129-131: *AAS* 85 (1993), 1086-1089; Congregation for the Doctrine of the Faith, Letter *Ad Exsequendam* (18 May 2001): *AAS* 93 (2001), 786.

(19) Cf. John Paul II, Apostolic Letter *Novo Millennio Ineunte* (6 January 2001), 43: *AAS* 93 (2001), 297.

(20) Cf. Second Vatican Ecumenical Council, Constitution on the Sacred Liturgy *Sacrosanctum Concilium*, 41.

(21) No. 33: *AAS* 90 (1998), 733.

(22) Cf. Homily for the Solemnity of the Body and Blood of Christ (10 June 2004): *L'Osservatore Romano*, 11-12 June 2004, p.6.

(23) Second Vatican Ecumenical Council, Pastoral Constitution on the Church in the Modern World *Gaudium et Spes*, 36.

(24) *Ibid.*

(25) Cf. Second Vatican Ecumenical Council, Pastoral Constitution on the Church *Lumen Gentium*, 1.

(26) John Paul II, Encyclical Letter *Ecclesia de Eucharistia* (17 April 2003), 53: *AAS* 95 (2003), 469.

# ID-90 JUM DINJI TA' L-EMIGRANTI U TAR-REFUĠJATI 2004
# Messaġġ tal-Qdusija Tiegħu l-Papa Ġwanni Pawlu II

## Emigrazzjoni bi skop ta' paċi

1. Il-Jum Dinji ta' L-Emigranti u tar-Refuġjati bit-tema *"l-Emigrazzjoni bi skop ta' paċi"*, din is-sena jipprovdi opportunità li nirriflettu fuq argument li hu mill-aktar importanti minn qatt qabel. Infatti t-tema b'kuntrast, tattira l-attenzjoni ta' l-opinjoni pubblika fuq il-moviment sforzat tal-bnedmin, waqt li tikkonċentra fuq ċerti aspetti problematiċi ta' attwalità kbira kawża ta' gwerra u vjolenza, terroriżmu u oppressjoni, diskriminazzjoni u inġustizzja, li sfortunatament huma dejjem imxandra fl-aħbarijiet ta' kuljum. Il-media jxandru fid-djar xeni ta' sofferenza, vjolenza u ġlied bl-armi. Dawn huma traġedji mifruxa fil-pajjiżi u fil-kontinenti u ta' spiss huma l-pajjiżi l-aktar foqra li huma l-aktar milquta. B'dan il-mod, traġedja tingħaqad ma' traġedja oħra.

Sfortunatament aħna drajna naraw evakwati mdejqin, il-ħarba ddisprata tar-refuġjati, il-wasla f'pajjiżi mill-aktar għonja ta' immigranti li jfittxu b'kull mezz soluzzjonijiet għall-ħafna bżonnijiet personali u familjari tagħhom. Hekk il-mistoqsija tqum: kif nistgħu nitkellmu dwar il-paċi meta sitwazzjonijiet ta' tensjoni huma rrapportati f'ħafna reġjonijiet tad-dinja? U kif il-fenomenu ta' l-emigrazzjoni jista' jgħin biex tinbena l-paċi fost il-popli?

2. Ħadd ma jista' jiċħad li l-aspirazzjoni għall-paċi għandha l-għeruq tagħha fil-qalb tal-parti l-kbira ta' l-umanità. Dik hi eżattament ix-xewqa ħerqana li timbotta l-bnedmin li jfittxu kull triq possibbli għal ġejjieni aħjar għal kulħadd. Aħna konvinti aktar minn qatt qabel li għandna niġġieldu kontra l-ħsara tal-gwerra mill-qiegħ nett, għaliex il-paċi mhix biss tfisser li ma jkunx hemm ġlied; huwa wkoll proċess dinamiku u parteċipattiv għal tul ta' żmien u li jinvolvi kull klassi soċjali, mill-familji

għall-iskejjel u l-istituzzjonijiet varji u l-korpi nazzjonali u internazzjonali. Aħna nistgħu u għandna nibnu kultura ta' paċi flimkien li ma tħallix li jsir rikors għall-armi u għall-għamliet kollha ta' vjolenza. Għal dan il-għan ġesti u sforzi għall-maħfra u għar-rikonċiljazzjoni għandhom jiġu nkuraġġuti; huwa essenzjali li nirbħu fuq in-nuqqas ta' ftehim u fuq il-firda li, kieku ma jsirx hekk, jibqgħu mingħajr l-ebda tama ta' soluzzjoni. Imbagħad hu meħtieġ li wieħed jafferma bil-qawwa li ma jistax ikun hemm paċi tassew mingħajr il-ġustizzja u mingħajr rispett lejn id-drittijiet umani. Infatti, teżisti rabta sħiħa bejn il-ġustizzja u l-paċi, kif il-Profeta diġa' ta' xiehda fit-Testment il-Qadim: "Xogħol is-sewwa jkun is-sliem" (Is.32,17).

3. Li jinbnew kondizzjonijiet ta' paċi dwar l-emigranti u r-refuġjati, ifisser fil-prattika impenn serjubiex iħares fuq kollox id-dritt li wieħed ma jemigrax, jiġifieri, id-dritt li wieħed jgħix fil-paċi u d-dinjità f'pajjiżu stess. Permezz ta' amministrazzjoni lokali u nazzjonali, li tħares 'il bogħod, kummerċ aktar ġust u kooperazzjoni internazzjonali sħiħa, huwa possibbli għal kull pajjiż li jassigura lill-poplu tiegħu, flimkien mal-libertà ta' l-espressjoni u li jmur minn post għal ieħor, il-possibbilta' li jissodisfa l-ħtiġijiet bażiċi bħalma huma l-ikel, kura tas-saħħa, ix-xogħol, id-djar u l-edukazzjoni; in-nuqqas ta' dawn il-ħtiġijiet iġiegħlu lil ħafna biex l-unika għażla li jibagħlom tkun li jemigraw.

Daqshekk ieħor, *id-dritt li wieħed jemigra* jeżisti. Dan id-dritt, ifakkar il-Beatu Ġwanni XXlll fl-Enċiklika *Mater et Magistra* huwa bbażat fuq id-destinazzjoni universali tal-ġid ta' din id-dinja (cfr nr.30 u 33). Ovvjament huwa d-dmir tal-gvernijiet li jirregolaw iċ-ċaqliq ta' l-emigrazzjoni waqt li jirrispettaw bis-sħiħ id-dinjità tal-persuni u l-bżonnijiet tal-familji tagħhom, waqt li jqisu l-esiġenzi tal-pajjiżi li se jilqgħu l-emigranti. F'dan ir-rigward, diġa' jeżistu Ftehimiet Internazzjonali li jħarsu lil dawk li jemigraw, kif ukoll lil dawk li jfittxu f'pajjiż ieħor refuġju u kenn politiku. Dawn il-ftehemiet jistgħu dejjem aktar jiġu perfezzjonati.

4. Ħadd ma għandu jibqa' insensibbli quddiem il-qagħda li fiha jgħixu folol ta' emigranti. Huma qegħdin imħabbta mill-ġrajjiet, ta' spiss b'qagħdiet drammatiċi warajhom. Il-mass media jxandru xeni li jqanqlu

u xi drabi ta' biża' ta' dawn il-popli. Huma tfal, żgħażagħ, adulti u anzjani b'wiċċhom mixrub u b'għajnejhom li juru swied il-qalb u solitudni. Fil-kampijiet fejn ikunu miġbura għandhom esperjenza ta' restrizzjonijiet serji. Masdankollu, huwa sewwa f'dan ir-rigward li wieħed jagħraf it-tħabrik ta' ħafna organizzazzjonijiet pubbliċi u privati biex itaffu s-sitwazzjonijiet gravi li jeżistu f'ħafna naħiet tad-dinja.

Lanqas mhu possibbli li ma tikkundannax il-ġarr ipprattikat minn nies bla skruplu li jabbandunaw fuq il-baħar, fuq dgħajjes żgħar, bnedmin iddisprati li qed iffitxu ġejjieni aktar ċert. Kulħadd, f'kondizzjonijiet kritiċi, ikollu bżonn għajnuna pronta u konkreta.

5. Minkejja l-problemi li jien semmejt, id-dinja ta' l-emigranti tista' toffri kontribut validu għat-tisħiħ tal-paċi. L-emigrazzjoni tista', infatti, tħaffef it-tlaqqigħ u l-ftehim taċ-ċiviltajiet kif ukoll bejn individwi u komunitajiet. Id-djalogu fejjiedi bejn il-kulturi, kif ktibt fil-Messaġġ tiegħi għall-Jum Dinji tal-Paċi 2001, huwa t-"triq obligatorja għall-bini ta' dinja fil-paċi" (nr.3). Dan iseħħ meta l-emigranti huma ttrattati bir-rispett proprju għad-dinjità ta' kull wieħed: meta kull mezz possibbli jintuża biex iġib 'il quddiem il-kultura li tilqa' u l-kultura tal-paċi li twitti d-differenzi u tfittex id-djalogu, iżda mingħajr ma tħalli għamliet ta' indifferentiżmu li jinbtu meta hemm il-valuri fin-nofs. Din il-fiduċja fis-solidarjetà ssir don u kondizzjoni ta' paċi.

Jekk l-integrazzjoni gradwali ta' l-emigranti kollha hija megħjuna bir-rispett għall-identità tagħhom u fl-istess ħin tħares il-patrimonju kulturali tal-popli li jirċevuhom, ir-riskju jkun inqas li jingħaqdu flimkien u jifformaw "ghettos" reali li fihom jibqgħu iżolati mill-kuntest soċjali u xi drabi wkoll jispiċċaw biex inisslu xewqa li jieħdu f'idejhom bil-mod it-territorju.

Meta d-"diversitajiet" jiltaqgħu u jkunu integrati, jibdew "koeżistenza" ta' ħbiberija bejn id-differenzi. Jingħarfu mill-ġdid il-valuri komuni f'kull kultura, li jgħaqqdu aktar milli jifirdu u li rabbew għeruq fl-istess art umana. Dan jinkuraġġixxi l-iżvilupp ta' djalogu li jħalli l-frott biex iħejji triq għat-tolleranza reċiproka, realistika u ta' rispett tal-partikularitajiet ta' xulxin. Taħt dawn il-kondizzjonijiet, il-fenomenu ta' l-emigrazzjoni jgħin biex isseħħ il-"ħolma" ta' kultura ta' paċi għall-umanità kollha.

6. "Imberkin dawk li jġibu l-paċi"! Dan qal il-Mulej (cfr Mt.5:9). Għall-insara, it-tiftix għal komunjoni fraterna fost il-bnedmin għandu l-bidu u l-mudell tiegħu f'Alla, Wieħed fin-natura u Tlieta fil-Persuni. Jien nittama bis-sħiħ li kull Komunità Ekkleżjali, magħmula mill-emigranti u r-refuġjati u minn dawk li jilqgħuhom, li jieħdu inspirazzjoni mill-għejun tal-grazzja, jaħdmu mingħajr ma jaqtgħu qalbhom għall-bini tal-paċi. Jalla ħadd ma jħalli l-inġustizzja, id-diffikultajiet jew it-tfixkil ikunu ta' skuraġġiment!

Jekk il-"ħolma" ta' dinja fil-paċi hija mixtieqa minn kulħadd, jekk is-sehem tar-refuġjati u ta' l-emigranti jingħata valur xieraq, imbagħad l-umanità tkun tista' ssir aktar u aktar familja universali u d-dinja tagħna ssir tassew "dar ta' kulħadd".

7. Bil-ħajja tiegħu u l-mewt fuq is-salib, Ġesù wriena t-triq li għandna nieħdu. Bil-qawmien tiegħu mill-mewt, huwa assigurana li r-rieda tajba dejjem tirbaħ fuq il-Ħażen u li kull sforz tagħna, kull sofferenza tagħna li noffru lill-Missier tas-Sema f'għaqda mal-passjoni tiegħu, jikkontribwixxu biex iseħħ il-pjan universali tas-salvazzjoni.

B'din iċ-ċertezza, jien nistieden lil dawk kollha fil-qasam vast ta' l-emigrazzjoni li jkunu bnedmin li jġibu l-paċi. Għal dan il-għan, jien nassigurahom li niftakar fihom speċjalment fit-talb u waqt li jien insejjaħ l-interċessjoni materna ta' Marija, Omm l-Iben il-Waħdieni ta' Alla magħmul bniedem, jien nibgħat il-barka tiegħi lil kull wieħed u waħda minnhom.

Mill-Vatikan, 15 ta' Diċembru 2003

**Ġwanni Pawlu II**

# 40 ANNIVERSARJU TA' L-INDIPENDENZA
# Messaġġ ta' Mons Arċisqof Ġużeppi Mercieca

## Fis-servizz tal-bniedem

Iċ-ċelebrazzjoni tal-ġrajja storika li fiha pajjiżna sar Indipendenti hija opportunità għall-poplu tagħna biex iġedded ir-radd il-ħajr tiegħu 'l Alla għall-għajnuna kollha li l-Mulej tana u għadu jagħtina matul iż-żminijiet. Din iċ-ċelebrazzjoni hija wkoll okkażjoni tajba biex aħna nirringrazzjaw lil dawk li ġew qabilna, speċjalment il-mexxejja politiċi, li stinkaw biex pajjiżna setà jasal fejn hu l-lum.

Artna u l-poplu tagħna għaddew minn ħafna ġrajjiet, kultant ta' tbatija kbira, biex il-poplu tagħna setà jibda jimxi fit-triq li jagħżel hu stess — triq li f'Mejju li għadda wasslitna biex insiru membri ta' l-Unjoni Ewropea, bid-drittijiet u d-dmirijiet kollha li dan iġib miegħu, inkluż li l-preżenza u l-kontribut tagħna fl-Unjoni Ewropea jkunu ta' ispirazzjoni u għajnuna ħalli l-Ewropa tiskopri mill-ġdid u tgħożż kif imiss l-għeruq Insara tagħha.

Fl-istorja tagħha, l-Ewropa rċeviet it-teżor tal-fidi Nisranija. Dan għen lill-Ewropa ssawwar u tibni l-ħajja soċjali tagħha fuq prinċipji meħudin mill-Vanġelu. Il-Kristjaneżmu, infatti, niltaqgħu miegħu l-ħin kollu fix-xogħlijiet ta' l-arti, il-letteratura, il-ħsieb u l-kultura tan-nazzjonijiet Ewropej. Dan il-wirt mhuwiex biss wirt ta' l-imgħoddi. Huwa importanti, anzi huwa meħtieġ li dan il-wirt ngħożżuh u ngħadduh lill-ġenerazzjonijiet il-ġodda, għaliex huwa s-sies tal-ħajja għall-individwi u l-popli li flimkien jifformaw il-kontinent Ewropew.

## Ir-rwol tal-politiċi Nsara

Il-politiċi Nsara, li huma msejħin biex jgħixu l-impenn tagħhom fil-politika bħala servizz lill-oħrajn, għandhom rwol importanti ħafna x'jaqdu

f'dan ir-rigward. Dan ir-rwol jistgħu jaqduh billi bla heda jħaddnu u jipproponu b'mod ħaj u effettiv il-prinċipji li l-Knisja żviluppat matul iż-żminijiet permezz tat-tagħlim soċjali għani tagħha.

Kif hu magħruf, il-prinċipji li jipproponi t-tagħlim soċjali tal-Knisja mhumiex xi "ideoloġija" jew, xi "programm politiku". Huma prinċipji li joffru approwċ bażiku ta' kif għandhom jimxu l-bniedem u s-soċjetà, fid-dawl tal-liġi etika universali li hemm fil-qalb ta' kull persuna umana, li hija liġi ċċarata bir-rivelazzjoni tal-Vanġelu.

Il-lum iżjed mill-bieraħ u għada iżjed mil-lum, il-politiku Nisrani hu msejjaħ biex jagħti servizz b'impenn ċar u kontinwu, mibni fuq kompetenza mill-aqwa fil-qadi tad-doveri tiegħu u wkoll fuq moralità soda fl-eżerċizzju trasparenti tal-poter. Fl-istess ħin, il-politiku jrid jaħdem biex isaħħaħ l-integrità personali tiegħu u jara li din tesprimi ruħha wkoll f'għarfien korrett tal-ħajja soċjali u politika tal-komunità li huwa jkun imsejjaħ biex jaqdi.

## Valuri u messaġġi

Nemmen li l-politiku Nisrani Malti għandu jkun protagonist, kemm f'pajjiżna kif ukoll barra minn xtutna, ta' valuri u messaġġi b'għeruq fil-Vanġelu u t-tagħlim soċjali tal-Knisja.

Inħoss li, f'din l-okkażjoni, għandi nsemmi xi wħud mill-valuri u l-messaġġi li huma tant għal qalb il-Knisja f'Malta u fid-dinja.

**Rispett lejn il-ħajja**: Bħala Nsara, aħna nqisu l-ħajja umana bħala sagra u invjolabbli mit-tnissil sal-mewt naturali tagħha. Għaldaqstant, il-Knisja ma tistax ma tifraħx u ma tappoġġjax lill-politiċi li jirreżistu, bla tlaqliq, il-pressjoni ta' min irid, b'mod jew ieħor, jiġbed lill-poplu tagħna lejn mentalità favur l-abort u forsi wkoll l-awtanasja. Il-Knisja tirringrazzja lill-politiċi li, għax jagħrfu li s-sid tal-ħajja huwa biss il-Ħallieq, mhux biss jiċħdu l-abort u l-awtanasja imma wkoll jitkellmu fl-apert u kullimkien favur ir-rispett lejn il-ħajja umana f'kull stadju tagħha, u biex il-ħajja tal-bniedem ikollha l-garanziji kollha meħtieġa fl-iffinanzjar tar-riċerka xjentifika.

**Il-ġid komuni**: L-effetti li l-proċess dejjem akbar ta' globalizazzjoni ekonomika, kif ukoll il-progress fit-teknoloġija l-ġdida qed ikollhom fuq l-oqsma l-iżjed dgħajfin tas-soċjetà, jitolbu attenzjoni u azzjoni adatti u f'waqthom. Ir-realtà tal-lum għandha bżonn mudell dejjem iżjed b'saħħtu ta' soċjetà mibnija fuq progress ekonomiku sostenibbli, flimkien ma' solidarjetà konkreta ma' l-iktar dgħajfin u l-iktar vulnerabbli. Il-mira fundamentali tagħna għandu jkun il-ġid komuni, jiġifieri l-ġabra flimkien ta' dawk il-kundizzjonijiet tal-ħajja soċjali li bihom il-bnedmin ikunu jistgħu jilħqu l-milja tagħhom b'mod aktar sħiħ u aktar malajr.

**Appoġġ għall-familja**: Il-familja hija għalina, f'pajjiżna, l-għajn fundamentali ta' l-imħabba, is-sigurta', l-istabbilità, il-kura, il-kenn, l-edukazzjoni u l-ġid. Madankollu, qed ngħixu fi żmien meta hemm min qed jipprova jżarma l-kunċett tal-familja mibnija fuq żwieġ bejn raġel wieħed u mara waħda sal-mewt. Jeżisti, infatti, riħ ta' mentalità li tridna nemmnu u naċċettaw mod ieħor. Dan hu riħ li spiss hu mħeġġeġ minn viżjoni permissiva tal-libertà, miftuma mir-rieda ta' Alla għall-bniedem. Hemm bżonn li, jagħżel x'jagħżel ħaddieħor f'pajjiżi oħrajn, triqtna bħala poplu Nisrani tibqa' ċara: Koppja li jkunu jgħixu flimkien mingħajr ma jiżżewġu qatt ma jistgħu jintqiesu daqslikieku bejniethom hemm żwieġ validu. Sħubija bħal din mhix żwieġ u qatt ma tista' tkun meqjusa bħaż-żwieġ. Wisq inqas wieħed ma jista' jqis sħubija bejn persuni ta' l-istess sess, bħallikieku dawn ikunu miżżewġin.

**Ħarsien tal-ħolqien u l-wirt naturali**: Il-Knisja f'Malta tapprezza u tappoġġja l-inizjattivi li qed jittieħdu biex fil-komunità Maltija jikber u jissaħħaħ l-għarfien tal-bżonn li nħarsu kemm nistgħu l-ħolqien u l-wirt naturali. Mistoqsija li, inħoss, hija opportuna ħafna hija din: F'pajjiżna għandna l-liġijiet u l-miżuri kollha li jista' jkollna biex nassiguraw tassew il-ħarsien ta' dak li l-Mulej għoġbu jagħtina biex ingawduh aħna u l-ġenerazzjonijiet ta' warajna, u biex ma jiġrilniex li taqsimiet jew partijiet sostanzjali minn dan il-wirt jispiċċa jaqdi biss l-interessi tal-ftit jew għanijiet ta' għomor qasir?

**L-imġiba tagħna ma' xulxin**: Nitkellmu ħafna, u nagħmlu sew, dwar id-dmir li għandna kull wieħed u waħda minna li f'kull ma ngħidu u kull ma nagħmlu nuru li aħna nies onesti, integri, responsabbli, dixxiplinati,

ġenerużi u li nħaddnu dak kollu li jgħinna nibnu soċjetà ta' imħabba, għaqda, solidarjetà u ġustizzja. Meta ngħaddu għall-fatti, però, insibu li mhux kollox hu ward u żahar. Il-komunità politika taħseb li qed isir biżżejjed biex kull fejn hemm xi taħsir, dan jiġi identifikat u mrażżan b'ġustizzja ma' kulħadd, mingħajr ħarsien lejn uċuh jew sulluzzu?

## Kuraġġ Nisrani

Kull min għandu xi funzjoni fil-ħajja pubbliku jrid iġorr responsabbiltajiet li ħafna drabi la jkunu faċli u lanqas ħfief.

Madankollu, in-Nisrani jaf li għal min ifittex ġenwinament l-għajnuna ta' Alla huwa dejjem possibbli li jagħti x-xiehda qalbiena meħtieġa biex f'kull ma jgħid u kull ma jagħmel ikun dejjem qaddej kuxjenzjuż u leali ta' Missierna li qiegħed fis-smewwiet u tal-proxxmu li jkun qed iservi.

Għandna wkoll il-garanzija li Omma Marija hija dejjem lesta li tinterċedi quddiem Binha biex tgħin il-bniedem li jsib ruħu f'diffikultajiet.

Jalla l-Mulej jagħtina lkoll id-dehen u l-għaqal meħtieġ biex kull wieħed u waħda minna naqdu d-doveri tagħna lejn pajjiżna u lejn xulxin kif jitlob minna dmirna bħala Nsara u bħala membri ta' l-għażiża familja nazzjonali tagħna.

KonKattidral ta' San Ġwann

21 ta' Settembru 2004

# MESSAĠĠ ta' Mons Arċisqof Ġużeppi Mercieca fit-30 Anniversarju ta' l-Ordinazzjoni Episkopali tiegħu

## Il-missjoni tas-saċerdot

Għaddew tletin sena minn meta, f'dan l-istess maqdes, il-mibki u qatt minsi Mons. Arċisqof Mikiel Gonzi kkonsagrani Isqof.

Din tal-lum hija, għalhekk, okkażjoni speċjali għalija.

Hija okkażjoni biex fiha nirringrazzja fuq kollox lill-Mulej talli, mingħajr merti u mingħajr ma jisthoqqli, u minkejja d-dgħufijiet umani tiegħi, għażilni għal dan il-ministeru. Inroddlu ħajr ukoll għall-għajnuna kollha li tani u għadu jagħtini fil-qadi tad-dmirijiet tiegħi ta' saċerdot u ta' Isqof. Kienu x'kienu l-mumenti u l-ġrajjiet ta' dawn l-aħħar tletin sena, kien biss bl-għajnuna ta' Alla li jien stajt nibqa' nagħti s-servizz li ġie fdat f'idejja.

Irrid inrodd ħajr ukoll lil dawk kollha, saċerdoti, reliġjużi u lajċi, li b'xi mod għenuni u għadhom jgħinuni naqdi dmirijieti. Kien biss bil-kollaborazzjoni u bl-għajnuna ġeneruża ta' ħafna u ħafna li jiena stajt nerfa' r-responsabbiltajiet tiegħi bħala Isqof matul it-30 sena li għaddew, speċjalment minn meta sirt Arċisqof ta' Malta. Nirringrazzjakom ilkoll. Jiena napprezza l-għajnuna ta' kull wieħed u waħda minnkom, u jiddispjaċini ħafna meta mhux dejjem ikolli l-okkażjoni li ngħidilkom dan personalment. Nitlob 'l Alla jżomm idejh fuqkom u jroddilkom għal elf darba it-tajjeb li fittixtu li tagħmlu meta ħdimtu miegħi jew qrib tiegħi.

### It-triq tal-qdusija

L-ewwel riflessjoni tiegħi f'dan il-jum sabiħ u għażiż nixtieq norbotha mas-suggett tal-qdusija tagħna s-saċerdoti, suġġett li aħna s-saċerdoti se niddiskutu fil-Kungress Internazzjonali li se jsir f'pajjiżna fix-xahar ta' Ottubru.

F'dan il-Kungress, aħna s-saċedoti se nistudjaw flimkien kif nistgħu naħdmu dejjem aktar u aħjar għall-qdusija tagħna fost il-bnedmin fil-Millennju l-ġdid, billi nimxu wkoll fuq il-passi ta' San Pawl. Kultant issib min jistaqsi: kemm hija possibbli l-qdusija fiż-żminijiet imqallbin li qed ngħixu fihom?

Hija verità, li jiena, fuq ix-xiehda ta' ħafna saċerdoti qaddisin, nistqarr u nemmen, li l-qdusija hija dejjem possibbli, ikunu xi jkunu ż-żminijiet u l-isfidi jew id-diffikultajiet li jġibu magħhom.

Il-qdusija hija sejħa li Ġesù jagħmel lil kulħadd, lid-dixxipli tiegħu u lil ħutu kollha, saċerdoti, reliġjużi u lajċi. Ġesù jħeġġiġna nkunu perfetti bħal Missierna li hu fis-smewwiet. Il-qdusija, għalhekk, għandha tkun prijorità fil-ħajja tan-nisrani, speċjalment fostna s-saċerdoti.

Hija l-qdusija awtentika li tipprovdi l-art tajba li fiha u biha aħna s-saċerdoti nistgħu nressqu tassew lill-bnedmin lejn Alla.

Għaldaqstant, huwa importanti ħafna li aħna s-saċerdoti nkunu nies ta' talb, umli, ta' dixxiplina u sagrifiċċju personali, ta' eżempju tajjeb f'kull ma ngħidu u nagħmlu, dejjem attenti li ngħixu bis-sħiħ u nixhdu l-wegħdiet tagħna saċerdotali.

Kultant forsi jkun hemm min jaħseb li l-ħin li nirriservaw għat-talb jista' b'xi mod itellifna mir-rankatura tal-ħajja appostolika u tal-ħidma tajba u ta' min ifaħħarha li nagħmlu, kulħadd skond ir-responsabbiltajiet tiegħu, fis-servizz tal-bniedem, f'oqsma bħalma huma dawk ta' l-edukazzjoni, assistenza, karità, pariri, appoġġ u attivitajiet oħrajn.

Madankollu, il-verità hija bil-maqlub. Kif jgħid il-Papa Ġwanni Pawlu II, l-iskola vera tal-qdusija hija meta wieħed jgħożż it-talb u jqegħdu fil-qalba ta' kull pjan tal-ħajja u appostolat.

Nistieden u nħeġġeġ lis-saċerdoti kollha biex nikbru dejjem aktar fl-arti tat-talb. Dan hu s-sigriet ta' Kristjanità tassew vitali li ma tibżax mill-ġejjieni, peress li hija terġa' dejjem lura lejn l-għejjun tagħha u fihom issib ħajja ġdida (*Novo Millennio ineunte, n 32).*

## Dmir l-Isqof u l-presbiteri

L-Isqof fid-djoċesi, kif jgħallimna l-Konċilju Vatikan II fil-Kostituzzjoni Dommatika *Lumen Gentium,* għandu d-dmir u d-dover li qabel kollox jikkunsidra s-saċerdoti li jikkoperaw miegħu bħala wlied u ħbieb, kif għamel Kristu li sejjaħ id-dixxipli tiegħu mhux qaddejja, iżda ħbieb.

Min-naħa l-oħra, il-Kostituzzjoni Dommatika *Lumen Gentium* tkompli tgħallem li l-presbiteri huma kollaboraturi prudenti ta' l-ordni episkopali, għajnuna ta' l-Isqof u strument f'idejh.

Taħt l-awtorità ta' l-Isqof u magħqudin miegħu fi spirtu ta' fiduċja u ta' ġenerożità, il-presbiteri, għall-parti tal-missjoni fdata f'idejhom iridu jaqsmu ma' l-Isqof l-uffiċċju u l-ħerqa u jħaddmuhom fil-ħajja ta' kuljum għall-qdusija.

Minħabba s-sehem fis-saċerdozju u fil-missjoni appostolika, il-presbiteri għandhom jagħrfu fl-Isqof il-missier tagħhom, u jkunu magħqudin miegħu b'imħabba sinċiera u ubbidjenza. Dan jitlob li l-presbiteri m'għandhom jagħmlu xejn mingħajr il-qbil ta' l-Isqof tagħhom.

Din l-għaqda tal-presbiteri ma' l-Isqof tagħhom u ma' ħuthom is-saċerdoti l-oħra hija aktar u aktar meħtieġa fi żmienna. Minn dan jiġi li ebda presbiteru ma jista' jtemm sewwa l-missjoni tiegħu meta huwa mifrud mill-oħrajn bħallikieku għal rasu. Il-presbiteru jaqdi tajjeb il-missjoni tiegħu saċerdotali biss jekk jgħaqqad il-forzi tiegħu ma' dawk ta' presbiteri oħrajn taħt it-tmexxija ta' l-Isqof, dak li jippresiedi fuq il-Knisja.

Huwa importanti ħafna, għalhekk, li l-presbiteri kollha, sew djoċesani u sew reliġjużi jgħinu lil xulxin biex taħt it-tmexxija ta' l-Isqof djoċesan ikunu dejjem kooperaturi tal-verità.

## Saċerdoti qabel kollox

Nixtieq ħafna li s-saċerdoti niftakru dejjem, kollna kemm aħna, li fl-ordinazzjoni saċerdotali tagħna aħna ħaddanna s-sejħa li jkollna sehem mis-saċerdozju etern ta' Kristu.

Hemm bżonn li kull saċerdot jifhem, bis-serjetà, li l-ewwelnett u quddiemnett aħna saċerdoti — mhux mexxejja jew eżekuttivi ta' xi azjenda kummerċjali jew parti minnha, inkella uffiċjali b'sehem f'karigi ta' poter ċivili jew xort'oħra, imma saċerdoti.

Il-lum iktar mill-bieraħ, il-Knisja, f'pajjiżna wkoll, għandna bżonn li s-saċerdoti jkunu saċerdoti 24 siegħa kuljum.

Jiena nifraħ ħafna meta nara saċerdoti li, fl-imħabba, l-għożża u d-dedikazzjoni li għandhom għall-ministeru saċerdotali tagħhom, jieqfu jipprattikaw ċerti kwalitajiet professjonali jew xogħol ieħor għeżież għalihom, biex jagħtu lilhom infushom kompletament għall-ħidma saċerdotali.

Mill-banda l-oħra jiddispjaċini ħafna meta, mingħajr l-approvazzjoni ta' l-Isqof, u b'nuqqas ta' ubbidjenza, nara ċerti saċerdoti jiddedikaw tant ħin u enerġiji tagħhom f'ħidmiet jew attivitajiet li, ukoll jekk għandhom it-tajjeb u l-valur tagħhom, m'għandhomx x'jaqsmu mal-ministeru saċerdotali tagħhom.

Jiżbalja s-saċerdot li jirriskja li jibdel il-missjoni tiegħu f'inizjattivi temporali, purament ta' natura soċjali jew politika, għaliex dan it-tip ta' xogħol huwa barrani għall-ministeru tiegħu saċerdotali. Esperjenza bħal din ma tkun tfisser ebda rebħa. Għall-kuntrarju, tkun tfisser telfa kbira għall-frott evanġeliku tal-Knisja.

Is-saċerdot għandu jħabrek biex, akkost ta' kull sagrifiċċju personali, ikun punt ċentrali ta' fraternità spiritwali. Huwa jrid jieħu ħsieb li quddiem il-membri kollha tal-Knisja huwa jidher u jkun dejjem bniedem ta' Alla, li jaħdem id f'id ma' l-Isqof djoċesan. Hija din ix-xiehda li tgħin il-bniedem jersaq lejn Alla. In-nuqqas ta' l-għaqda tas-saċerdot ma' l-Isqof jista' jġib konfużjoni. Tkun disgrazzja kbira jekk ikun hemm xi ħadd li jħossu mġerrex milli jersaq għand saċerdot — tkun xi tkun ir-raġuni.

## Talba

Nistieden lil kulħadd jingħaqad miegħi f'talba biex Alla jbierek is-saċerdoti kollha għal dak kollu li nwettqu fl-għalqa tiegħu, fil-qadi tal-

ministeru li huwa fdalna f'idejna. Nitolbu wkoll lill-Mulej jimla lis-saċerdoti kollha bil-grazzja tiegħu, sabiex fil-preżent u l-ġejjieni jirnexxilna naħdmu għar-Renju tal-Mulej biċ-ċaħda personali kollha li tista' tkun meħtieġa minna, imma wkoll bil-ferħ. Jalla, bl-interċessjoni ta' Ommna Marija, is-saċerdoti kollha nagħrfu nkunu dejjem u f'kull każ saċerdoti li jiġbdu lin-nies lejn Alla.

KonKattidral ta' San Ġwann

29 ta' Settembru 2004

# DISKORS
# ta' Mons Arċisqof Ġużeppi Mercieca fl-Okkażjoni tas-26 Anniversarju tal-Papa Ġwanni Pawlu II

## Messaġġ ta' kuraġġ u verità

L-okkażjoni tal-lum titlob minna, l-ewwelnett, li nroddu ħajr lil Alla għall-għajnuna kollha li huwa jagħti lill-Papa Ġwanni Pawlu II fil-qadi tal-ministeru li fdalu f'idejh, kif ukoll għall-ġid kollu li l-Mulej jippermetti li jsir permezz tiegħu.

Nirringrazzjaw ukoll lill-Papa li, minkejja l-kundizzjoni ta' saħħtu, qed ikompli jaqdi l-missjoni tiegħu fis-servizz tal-Knisja favur l-umanità, speċjalment favur il-paċi fid-dinja, ir-rikonċiljazzjoni bejn il-popli u l-kulturi, id-drittijiet tal-persuna, kif ukoll l-aċċettazzjoni reċiproka bejn reliġjonijiet diversi. L-eżempju ta' sagrifiċċju personali kbir li Ġwanni Pawlu II qed juri fl-impenn tiegħu li jkompli jaqdi 'l Alla u lill-bniedem, għandu l-ammirazzjoni mhux biss tal-Kattoliċi, imma ta' kull min f'din ix-xiehda tal-Papa jara mudell speċjali ta' mħabba, dedikazzjoni u ġenerożità.

Minkejja l-kundizzjoni ta' saħħtu, il-Papa kompla l-Maġisteru tiegħu kemm fl-okkażjonijiet ta' ċelebrazzjonijiet liturġiċi, kif ukoll ta' gruppi ta' pellegrini jew persuni li tingħatalhom udjenza speċjali, bħalma huma l-Ambaxxaturi. Huwa jkompli jittratta wkoll suġġetti li jirrigwardaw il-libertà reliġjuża, id-drittijiet tal-bniedem u l-Ewropa.

Nitolbu 'l Alla jagħti lill-Papa l-għajnuna tiegħu ħalli l-Papa jkun jista' jkompli l-ministeru tiegħu għall-aħjar glorja ta' Alla u l-ġid tal-bnedmin.

### "La tibżgħux!"

Fil-bidu tal-ministeru tiegħu bħala Vigarju ta' Kristu u Suċċessur ta' San Pietru, Ġwanni Pawlu II qal lill-bnedmin kollha: "La tibżgħux!"

Fis-26 sena li ilu Kap tal-Knisja Universali, il-Papa ta xiehda bla heda ta' din l-eżortazzjoni tiegħu. Il-Papa jsib dan il-kuraġġ tiegħu kontra l-biża', l-ewwelnett mill-Evanġelju.

Lil Marija, l-anġlu qalilha biex ma tibżax. L-istess intqal lil Ġużeppi. Kienu wkoll bosta l-okkażjonijiet li fihom Kristu għamel din l-istedina lil dawk li kien jgħix jew jiltaqa' magħhom. Imbeżżgħin b'dak li raw iseħħ meta Ġesù ġie arrestat, ifflaġellat u msallab, kif ukoll inċerti dwar jekk Kristu li Qam mill-Mewt kienx l-istess Kristu li huma kienu jafu, lill-appostli l-Mulej qalilhom biex ma jibżgħux.

Dawn il-kliem ta' Kristu l-Papa jtennihom lill-umanità kollha, bil-kelma u bl-eżempju.

Kien hemm okkażjoni meta l-Papa stess staqsa: 'Minn xiex m'għandniex nibżgħu?'

Il-Papa wieġeb li dak li m'għandniex nibżgħu minnu hija l-verità dwarna nfusna. Fil-Vanġelu nsibu li, darba minnhom, Pietru, għax għaraf din il-verità, inxteħet f'riġlejn Ġesù u qallu: "Tbiegħed minni, Mulej, għax jiena raġel midneb!" (Lq 5:8).

Pietru ma kienx l-uniku wieħed li għaraf din il-verità. Kull bniedem jitgħallimha. Imma Kristu jgħidilna bħalma qal lil Pietru: "Tibżax!". Kristu jgħid dan lil kull wieħed u waħda minna, għax huwa jaf x'hemm f'qalb kull bniedem. Ġesù jfakkarna li Alla huwa Missier li jħobb, jagħder, iħenn u jaħfer.

## Il-verità teħles

Ma' u bħal Kristu, il-Papa jgħallimna wkoll biex ma nibżgħux mill-verità, għax il-verità teħles. Ix-xiehda tal-Papa dwar il-ħelsien li tikseb il-verità, barra li ssib għeruqha fil-Vanġelu, narawha wkoll f'dak li għadda minnu tul ħajtu.

Nistgħu ngħidu li l-karattru tal-Papa ntagħġen fil-Polonja, art twelidu, bil-ġrajjiet kemm traġiċi u wkoll glorjużi tagħha. L-esperjenza li għaddiet

minnha l-Polonja meta l-Papa kien għadu żagħżugħ, kienet simbolu tal-kundizzjoni umana fis-seklu 20, jiġifieri t-taqbida għall-ħelsien.

Il-ħajja u l-ġrajja tal-Papa, speċjalment matul is-26 sena tal-pontifikat tiegħu, fihom infushom juru li fl-aspirazzjoni għall-ħelsien, il-verità toħroġ iżjed qawwija minn dak li d-dinja s-soltu tqisu bħala poter reali. L-ispirtu uman, iggwidat mill-verità, isir forza ireżistibbli. Il-Papa jurina li l-bniedem ikun ħieles biss jekk jibni ħajtu fuq il-verità. Ġwanni Pawlu II ħadem bla mistrieħ kontra l-konfużjoni morali li nibtet u kibret fid-dinja. Din hija konfużjoni morali li tgħid li l-bniedem jista' jgħix ħieles mingħajr referenza għal verità morali li torbot. Imma l-Papa jgħallem u juri li jekk il-ħelsien jinqata' mill-verità, isir l-għadu qerriedi tiegħu stess.

## Difensur tal-bniedem

Matul is-26 sena li għaddew, Ġwanni Pawlu II saħaq b'mod ċar, ma' kulħadd u kullimkien, dwar l-isplendur tal-verità, id-dinjità inaljenabbli tal-bniedem, it-tqassim ġust tal-ġid tad-dinja, il-bżonn tal-ġustizzja ma' kull maħluq, is-sens ta' solidarjetà, u l-paċi vera.

Il-messaġġ tal-Papa huwa, il-ħin kollu, messaġġ ta' kuraġġ u verità. Ġwanni Pawlu juri lid-dinja, bi kliemu u b'għemilu, li tkun kemm tkun kbira d-dgħufija tal-bniedem, huwa ma għandux jibża' għax il-Missier Etern iħobbna lkoll, ukoll jekk nonqsuh u nerġgħu nonqsuh.

Ġwanni Pawlu II wassal ukoll lill-umanità kollha l-verità li, permezz tar-rivelazzjoni ta' Ġesù Kristu, l-Uniku Salvatur tagħna lkoll, il-ħallieq wera lill-bnedmin l-imħabba u l-ħniena bla tarf tiegħu għall-umanità kollha.

Nitolbu 'l Alla, bl-interċessjoni ta' Ommna Marija, biex il-Mulej iżomm idejh fuq il-Papa, ħalli Ġwanni Pawlu II ikompli jwassal lid-dinja kollha t-tama u l-fiduċja fil-Missier Etern, li fuqhom huma mibnijin l-messaġġ u x-xiehda tiegħu.

Quddiesa tas-26 Anniversarju tal-Papa

Kon Kattidral ta' San Ġwann, 16 ta' Ottubru 2004

## Ċirkulari Numru 460

*Lir-Reverendi Arċiprieti, Kappillani, Retturi ta' Knejjes u Superjuri Reliġjużi*

# 30 Anniversarju ta' l-Ordinazzjoni Episkopali ta' Monsinjur Arċisqof

Nhar l-Erbgħa, 29 ta' Settembru, jaħbat it-tletin anniversarju ta' l-Ordinazzjoni Episkopali ta' Monsinjur Arċisqof.

Huwa xieraq li f'dak il-jum fit-talb tagħna niftakru b'mod speċjali fir-Ragħaj Spiritwali tagħna u fl-intenzjonijiet tiegħu.

**Biex ningħaqdu lkoll, f'dan it-talb, fit-Talba tal-Fidili tal-Quddies kollu tas-Sibt u tal-Ħadd u ta' Settembru, għandha tingħad ukoll din l-invokazzjoni:** 'Mulej, ħares u seddaq lill-Arċisqof tagħna biex ikun għalina ta' ġid fir-ruħ, bil-kelma u bl-eżempju, ħa jwassalna miegħu fil-hena ta' dejjem'.

**Nhar l-Erbgħa, 29 ta' Settembru, imbagħad, fil-knejjes kollha ta' l-Arċidjoċesi fejn tiġi ċelebrata aktar minn Quddiesa waħda, waħda minnhom jixraq li tkun dik ta' l-Anniversarju Episkopali ta' Monsinjur Arċisqof (ara l-Ordni għaċ-ċelebrazzjoni tal-Quddiesa, paġna 418).**

Nhar l-Erbgħa, 29 ta' Settembru, fis-6.30 ta' filgħaxija, fil-Konkattidral ta' San Ġwann, Valletta, Monsinjur Arċisqof se jmexxi Quddiesa konċelebrata ta' radd il-ħajr lil Alla. Is-Saċerdoti kollha, djoċesani u reliġjużi, huma mistiedna jikkonċelebraw.

Huma mistiedna b'mod speċjali biex jieħdu sehem f'din il-Quddiesa it-tfal u żgħażagħ li jattendu laqgħat dwar il-vokazzjoni, kif ukoll novizzi u juniors fid-diversi kongregazzjonijiet reliġjużi u s-seminaristi.

Il-membri ta' Istituti ta' Ħajja Konsagrata, il-membri tal-Għaqdiet u Movimenti Kattoliċi u l-lajċi kollha huma wkoll mistiedna jieħdu sehem f'din il-Quddiesa.

**Maħruġa mill-Kurja Arċiveskovili ta' Malta, Floriana, illum 20 ta' Settembru 2004.**

| | |
|---|---|
| Kan. Ġużepp Bonello | ✠ Annetto Depasquale |
| Aġent Kanċillier | Isqof Awżiljarju |

**Ċirkulari Numru 461**

*Lir-Reverendi Arċiprieti, Kappillani, Retturi ta' Knejjes u Superjuri Reliġjużi*

# Ix-xahar ta' Ottubru u r-Rużarju

Il-Papa Ġwanni Pawlu II f'diversi diskorsi tiegħu ħeġġeġ lill-insara biex jiskopru s-sbuħija tat-talba tar-Rużarju.

Aħna nħeġġukom biex matul dan ix-xahar fil-familji, fil-Knejjes u fil-komunitajiet tingħad din it-talba b'ħaġġa u devozzjoni għall-paċi fid-dinja u għall-familji.

**Talb fl-okkażjoni tal-Jum Dinji għas-Saħħa Mentali**

Fl-okkażjoni tal-Jum Dinji għas-Saħħa Mentali, li se jinżamm nhar il-Ħadd, 10 ta' Ottubru 2004, fil-Quddies kollu tas-Sibt filgħaxija u tal-Ħadd 9 u 10 ta' Ottubru, fit-Talba tal-Fidili tiżdied din l-invokazzjoni: "Għin, Mulej, lil dawk kollha li jsofru minn mard mentali u lil dawk li jieħdu ħsiebhom, u agħti lill-familji ta' ħutna l-morda u lilna l-grazzja li malajr inħaddnuhom fostna mill-ġdid qawwijin u sħaħ".

**Maħruġa mill-Kurja Arċiveskovili ta' Malta, Floriana, illum 4 ta' Ottubru 2004.**

Mons. Carmelo Zammit
Vigarju Ġenerali
Kanċillier

✠ Annetto Depasquale
Isqof Awżiljarju

# STQARRIJIET OĦRA MILL-KURJA
## Kors għal tfajliet li se jiżżewġu rġiel mhux Maltin

Il-Kummissjoni Emigranti qed tistieden lit-tfajliet li se jiżżewġu ma' rġiel mhux Maltin, għal kors ta' 10 taħditiet li se jibdew f'Dar l-Emigrant, Misraħ Kastilja, Valletta, nhar il-ħamis, 14 ta' Ottubru 2004.

Il-laqgħat, li jsiru nhar ta' Tlieta u nhar ta' ħamis mis-6.00 p.m. sas-7.00 p.m., jitmexxew minn esperti fil-kamp soċjali, mediku, legali u etiku.

Fi tmiem il-kors, it-tfajliet jingħataw ċertifikat ta' attendenza biex jiġi ppreżentat lill-Kurja, mad-dokumenti l-oħrajn meħtieġa meta l-koppja tapplika għaż-żwieġ.

Il-kitba għall-kors tista' ssir f'Dar l-Emigrant, Valletta, mit-Tnejn sal-Ġimgħa, mid-9.00 a.m. sal-5.00 p.m. (Tel. 21222644/21240255/ 21232545).

13 ta' Settembru 2004

# Seminar għas-Saċerdoti dwar l-Omelija

Madwar 300 saċerdot se jattendu seminar ta' jum dwar l-omelija bħala sfida u responsabbilta'.

Is-seminar huwa frott ta' dak li ħareġ mis-Sinodu Djoċesan, li ġie ċelebrat fil-Knisja f'Malta mill-1999 sal-2003. Is-Sinodu saħaq ħafna fuq il-bżonn ta' aktar formazzjoni dwar l-omelija u forom oħrajn tax-xandir tal-Kelma.

Il-ħsieb tas-seminar huwa li jara x'inhi l-esperjenza preżenti fil-knejjes Maltin dwar l-omelija, jiddiskuti l-omelija bħala sfida u responsabbilta', u jeżamina l-omelija f'era awdjo-viżiva.

Il-kelliem prinċipali fis-seminar se jkun Rev. Prof. Enrico Dal Covolo S.D.B., li hu espert fis-suġġett u awtur ta' ħafna kotba. Huwa wkoll konsultur tal-Kongregazzjoni tas-Santa Sede għad-Duttrina tal-Fidi.

Is-saċerdoti se jitqassmu fi tliet gruppi. L-ewwel grupp se jiltaqa' fl-20 ta' Settembru fiċ-Ċentru Animazzjoni u Komunikazzjoni, f'Ta' Paris, Birkirkara; it-tieni fil-21 ta' Settembru fis-Seminarju, Tal-Virtù; u t-tielet fit-22 ta' Settembru fil-Kullegg de La Salle, Kottonera.

17 ta' Settembru 2004

# Il-Kurja tinvestiga l-inċidenti fil-festa tal-Madonna tal-Grazzja f'Ħaż-Żabbar

L-awtoritajiet tal-Kurja ta' l-Arċisqof jirreferu għall-inċidenti li nqalgħu waqt il-festa tal-Madonna tal-Grazzja f'Ħaż-Żabbar, din is-sena.

L-awtoritajiet tal-Knisja jiddispjaċihom ħafna li n-natura reliġjuża ta' din il-festa u l-armonija fil-parroċċa ta' Ħaż-Żabbar kellhom isofru daqqa daqstant kerha.

L-awtoritajiet tal-Knisja jinfurmaw li dawn l-inċidenti se jiġu investigati fid-dawl tar-regolamenti tal-Knisja dwar il-festi esterni, li bdew iseħħu fl-1 ta' Jannar 2003.

Meta l-investigazzjoni tkun lesta, l-awtoritajiet tal-Kurja jiddeċiedu x'għandu jsir għall-ġejjieni.

17 ta' Settembru 2004

# Ċelebrazzjoni tal-Festi Esterni Digriet

Kif tgħid l-Ittra Pastorali ta' l-Isqfijiet ta' Malta u Għawdex tas-6 ta' April 1994 dwar il-Festi fil-Parroċċi: "Il-Knisja trid li l-festi jkunu għalina okkażjoni biex inġeddu dejjem iżjed l-impenn tagħna biex nieħdu sehem fil-ħajja ġdida li ġabilna Ġesù u nimxu 'il quddiem fil-qdusija. Il-Knisja trid li aħna nqimu lill-qaddisin u nagħmlulhom festa qabel xejn biex nieħdu l-eżempju tajjeb tagħhom ħalli nħobbu 'l Alla dejjem aktar, u biex niksbu l-għajnuna ta' Alla bl-interċessjoni tagħhom. Fl-istess ħin, il-Knisja trid ukoll li l-festi jgħinuna nissaħħu fl-għaqda ta' bejnietna lkoll, permezz ta' mħabba vera ta' aħwa".

Hu biss għal dawn l-iskopijiet u b'dan l-ispirtu li l-Knisja trid tiċċelebra l-festi fil-Parroċċi, fl-aspetti kollha interni u esterni tagħhom.

Kien b'dispjaċir li kellna ninnutaw li fiċ-ċelebrazzjoni ta' dawn il-festi fostna daħlu diversi elementi li ma jgħinux biex jintlaħqu dawn l-iskopijiet, anzi jtappnu jew itellfu dan l-ispirtu spiritwali u pastorali u ta' ferħ nisrani.

Il-Knisja f'Malta diġà ħadet passi biex issalva l-ispirtu ġenwin tal-festi reliġjużi. Il-Kulleġġtal-Kappillani, imqanqal minn ħsieb pastorali u fid-dawl ta' l-esperjenza kbira tiegħu, ressaq proposti biex isiru regolamenti ġodda dwar iċ-ċelebrazzjoni tal-festi esterni tal-qaddisin, b'attenzjoni speċjali dwar il-marċi, bil-ħsieb li jkun hemm titjib fihom u biex ma jkunx hemm distakk bejn l-elementi interni u esterni tal-festi reliġjużi, anzi jikkumplimentaw lil xulxin.

Wara li dawn il-proposti ġew studjati fil-fond, u wara li smajt il-parir kemm tal-Kunsilli Presbiterali u Pastorali Djoċesani kif ukoll tal-Għaqda Każini tal-Banda, bl-istess ħsieb li l-festi fil-Parroċċi tagħna jilħqu l-għan spiritwali u pastorali tagħhom u li minnhom jitbiegħed dak li jtellef jew iċajpar l-iskop li għalih isiru, b'dan id-Digriet qed nistabilixxi Regolamenti dwar iċ-Ċelebrazzjoni tal-Festi, b'mod partikolari dwar il-marċi.

Dawn ir-Regolamenti jidħlu fis-seħħ bħala normi pastorali mill-1 ta' Jannar 2003, u jiġu promulgati u mħabbra uffiċjalment, għal kull effett, permezz ta' Stqarrija għall-Istampa maħruġa mill-Uffiċċju għar-Relazzjonijiet Pubbliċi tal-Kurja Arċiveskovili li jkun fiha sostanzjalment dak li qed jiġi stabilit b'dan id-Digriet.

## Regolamenti dwar iċ-ċelebrazzjoni tal-festi esterni

1. Iż-żmien allokat għall-festa jkun ta' tmint ijiem, li jinkludu l-jum propju tal-Festa. Matul dawn it-tmint ijiem, fil-limiti tal-parroċċa, ma jkunux jistgħu isiru la *discos* f'postijiet pubbliċi, la *street parties* u lanqas attivitajiet oħra li, fil-ġudizzju ta' l-Awtorità Ekkleżjastika jkunu ta' dan it-tip.

2. L-ebda entità jew individwu ma għandhom jippreżentaw talbiet għal xi attivitajiet esterni ġodda.

3. Programmi u marċi tal-baned jistgħu jsiru biss f'dawn it-tmint ijiem tal-festa f'kollaborazzjoni bejn il-parroċċa u l-għaqdiet li bħalissa jieħdu sehem fil-festa. F'dawk il-parroċċi fejn diġà qed jiġi organizzat il-marċ fil-ħruġ ta' l-istatwa minn-niċċa jew fit-tifkira ta' l-Inkurunazzjoni, dan jista' jibqa' jsir jekk jiġi meqjus ta' valur pastorali. Ma għandhomx jiżdiedu marċi jew programmi oħra b'konnessjoni mal-festi tal-Qaddisin minbarra dawk li diġà kienu jsiru regolarment sas-sena 1995 u għadhom isiru.

4. Huma projbiti dawk il-marċi kollha li fihom isir kant oġġezzjonabbli. Kopja tal-kliem li jkun ser jitkanta għandha tingħata lill-Awtoritajiet Ekkleżjastiċi għall-approvazzjoni tagħhom mhux aktar tard minn xahrejn qabel il-festa, u dejjem qabel isir ir-*recording* tagħhom.

5. Billi l-iskop ta' l-istatwi tal-Qaddisin huwa għall-qima, dawn ma jixraqx li jinġarru waqt il-marċ, iżda jkun aħjar li jittellgħu ma' l-ewwel fuq il-pedestall. Fejn sa llum hemm drawwa mhux projbita mill-Awtorità Ekkleżjatika li jinġarru statwi waqt il-marċi u, fil-ġudizzju tal-kappillan, wara li jisma' l-parir tal-Kunsill Pastorali Parrokkjali u tal-kumitati tas-Soċjetajiet involuti, ma jkunx opportun li din l-użanza tinqata', l-istatwi jistgħu jibqgħu jinġarru fil-marċijiet. Dan għandu jsir bil-qima li tixraq

lil xbieha tal-Qaddisin. Jekk fil-ġudizzju ta' l-Awtoritajiet Ekkleżjastiċi waqt dawn il-marċi ma jinżammx ir-rispett xieraq, mis-sena ta' wara l-istatwa ma tinġarrx aktar waqt il-marċ.

6. Il-marċi ma għandhomx isiru waqt il-ħin tal-funzjonijiet liturġiċi prinċipali tal-festa, jew għallanqas il-baned ma għandhomx jgħaddu jdoqqu fl-inħawi tal-knisja f'dawn il-ħinijiet.

7. Il-marċ hekk imsejjaħ "il-kbir" ma jistax idum aktar minn erba' sigħat minn mindu jibda.

8. Meta banda takkompanja l-istatwa tal-purċissjoni nhar il-festa, din għandha ddoqq biss innijiet reliġjużi jew marċi li jixirqu għall-okkażjoni.

Ksur ta' xi wieħed minn dawn ir-Regolamenti, jew ħolqien ta' ambjent mhux xieraq għaċ-ċelebrazzjoni nisranija tal-festi, jista' jwassal biex titħassar il-festa reliġjuża, jew kollha kemm hi, jew parti minnha. Jekk jinkisru xi Regolamenti, jekk ikun il-każ is-sanzjonijiet ikunu japplikaw għall-festa jew festi li jkun imiss.

Soċjetajiet li jmorru kontra direttivi tal-Kurja dwar ċelebrazzjoni aktar nisranija tal-festi reliġjużi, inklużi dawn ir-Regolamenti, jistgħu jiffaċjaw sanzjonijiet.

L-Awtorità Ekkleżjastika twaqqaf Bord biex jinvestiga allegazzjonijiet ta' ksur ta' dawn ir-Regolamenti. Dan il-Bord ikun magħmul minn żewġ rappreżentanti ta' l-Awtorità Ekkleżjastika u żewġ rappreżentanti tal-Għaqda Każini tal-Banda. Dan il-Bord jippreżenta rapport bir-riżultati ta' l-investigazzjonijiet tiegħu lill-Awtorità Ekkleżjastika għall-ġudizzju tagħha. L-Awtorità Ekkleżjastika tkun tista' tagħti kompetenzi oħra lil dan il-Bord f'konnessjoni mal-ħarsien ta' dawn ir-Regolamenti.

Mogħti mill-Kurja Arċiveskovili ta' Malta, Floriana, illum 23 ta' Diċembru 2002.

✠ Ġużeppi Mercieca
Arċisqof ta' Malta

Mons. Carmel Zammit
Kanċillier

# It-30 Anniversarju ta' l-Ordinazzjoni Episkopali ta' l-Arċisqof

Monsinjur Arċisqof Ġużeppi Mercieca nhar l-Erbgħa, 29 ta' Settembru 2004, se jiċċelebra t-30 anniversarju ta' l-Ordinazzjoni Episkopali tiegħu, b'Quddiesa Konċelebrata ta' Radd il-ħajr, fil-KonKattidral ta' San Ġwann, Valletta, fis-6.30 p.m.

Ċirkolari tal-Kurja tħeġġeġ it-talb għall-bżonnijiet ta' l-Arċisqof u skond l-intenzjonijiet tiegħu. Iċ-Ċirkolari tħeġġeġ ukoll is-sehem ta' kulħadd fil-Quddiesa ta' Radd il-ħajr. Għal din il-Quddiesa qed jiġu mistiedna jieħdu sehem b'mod speċjali t-tfal u ż-żgħażagħ li jattendu laqgħat dwar il-vokazzjoni, kif ukoll novizzi u juniors fid-diversi kongregazzjonijiet reliġjużi, u s-seminaristi.

Mons. Mercieca ġie kkonsagrat Isqof fid-29 ta' Settembru 1974. Huwa sar Arċisqof ta' Malta fit-12 ta' Diċembru 1976.

22 ta' Settembru 2004

# Assemblea tal-Knisja f'Malta tiddiskuti l-ġejjieni fid-dawl tas-Sinodu

Madwar 400 persuna minn kull qasam tal-ħajja ħadu sehem f'Assemblea tal-Knisja f'Malta li l-ewwel għamlet valutazzjoni tal-ħidma mwettqa fl-ewwel sena ta' l-implimentazzjoni tas-Sinodu Djoċesan, u mbagħad iddiskutiet il-programmazzjoni għas-sentejn 2005-2006.

L-Assemblea Djoċesana ltaqgħet il-ġimgħa filgħaxija u s-Sibt filgħodu, 24 u 25 ta' Settembru 2004, fis-Sala ta' l-Iskola Santa Monika, Gżira, fil-preżenza ta' Monsinjur Arċisqof Ġużeppi Mercieca u Mons. Isqof Annetto Depasquale.

Għall-Assemblea Djoċesana ġew mistiedna dawk li kienu preżenti fil-laqgħat ta' l-Assemblea tas-Sinodu, li ltaqgħet fis-snin 2001-2003, kif ukoll persuni oħrajn li issa daħlu jagħtu sehemhom fl-implimentazzjoni tas-Sinodu fid-diversi realtajiet tal-ħajja tal-Knisja.

Fil-laqgħa tal-ġimgħa, l-Assemblea ddiskutiet rapport ġenerali u rapporti partikolari dwar dak li sar s'issa fit-twettiq tas-Sinodu Djoċesan.

Ir-rapport ġenerali jispjega l-ħidma mpenjattiva u mifruxa li saret fl-ewwel sena ta' l-implimentazzjoni biex jitwassal il-messaġġ tas-Sinodu u jitwettqu proposti partikolari li hemm fit-tmien dokumenti tas-Sinodu. ġie spjegat li, f'din il-ħidma, saret enfasi speċjali fuq is-sitt valuri tas-Sinodu, jiġifieri l-komunjoni, id-djalogu, is-solidarjetà, il-formazzjoni, il-qadi u l-evanġelizazzjoni.

Bi twettiq tas-Sinodu, twaqqfu l-Kummissjoni Ġustizzja u Paċi, il-Kummissjoni Djoċesana Familja, il-Kummissjoni Ambjent u għadd ta' Kunsilli differenti. Twaqqfet ukoll "task force" b'kompitu speċjali li tippreżenta proposti biex jintemm il-"backlog" ta' każi pendenti quddiem it-Tribunal Ekklezjastiku. Ir-rapporti partikolari jittrattaw oqsma bħalma huma l-ħajja konsagrata, il-parroċċi, l-iskejjel tal-Knisja, kif ukoll l-għaqdiet u l-movimenti reliġjużi.

## Pjan Armoniku

Fil-laqgħa tas-Sibt, l-Assemblea Djoċesana ddiskutiet l-ewwel abbozz ta' Pjan Armoniku tal-Knisja f'Malta 2005-2006, li ġie mfassal matul l-ewwel sena ta' l-implimentazzjoni u skond l-esperjenza li nkisbet minnha.

Il-prijoritajiet li jipproponi l-abbozz u li ġew diskussi fl-Assemblea Djoċesana huma:

Isiru proġetti ta' animazzjoni tal-fidi fid-djoċesi, indirizzati lejn l-adulti, u li jkunu jinkludu l-aspetti tal-Kelma ta' Alla, edukazzjoni fit-talb, liturġija u djakonija u mpenn soċjali flimkien.

Titjib fiċ-ċelebrazzjoni tal-Quddiesa tal-ħadd u l-festi liturġiċi.

Jitwaqqaf u jibda jaħdem l-Istitut Djoċesan ta' Formazzjoni Pastorali u ssir enfasi fuq il-formazzjoni fil-mentalità tad-dokumenti tas-Sinodu Djoċesan.

Tingħata attenzjoni partikolari lill-oqsma tal-familja u ta' l-adolexxentiżżgħażagħ; għal dan jitwaqqfu l-ministeri lajkali f'dawn iż-żewġ oqsma.

Jissaħħaħ l-istil ta' ħajja sinodali; għal dan il-għan jiġu ri-organizzati l-komunikazzjoni u d-djalogu fi ħdan il-Knisja.

Jisaħħaħ id-djalogu tal-Knisja mas-soċjetà u l-kontribut fejn tidħol il-promozzjoni tal-valuri u t-tagħlim soċjali tal-Knisja, b'inizjattivi ġodda favur l-emarġinati tas-soċjetà.

L-abbozz jipproponi kif il-Knisja, fid-diversi oqsma tagħha, għandha taħdem fuq dawn il-prijoritajiet biex mis-sitwazzjoni preżenti timxi lejn sitwazzjoni mixtieqa.

Il-pjan qed jissejjaħ armoniku għaliex il-mira tiegħu hija li, fit-twettiq tal-prijoritajiet indikati jieħdu sehem diversi realtajiet fi ħdan il-Knisja f'Malta, fosthom segretarjati u kummissjonijiet djoċesani,

kongregazzjonijiet reliġjużi, parroċċi, għaqdiet, movimenti u komunitajiet reliġjużi, u skejjel tal-Knisja.

Ir-riflessjonijiet, ħsibijiet u suġġerimenti li ħarġu fl-Assemblea Djoċesana se jiġu studjati mill-Kummissjoni Implimentazzjoni tas-Sinodu, bil-ħsieb li l-abbozz tal-Pjan Armoniku jissaħħaħ u jkompli jiġi żviluppat.

25 ta' Settembru 2004

# Messaġġ tal-Kummissjoni Djoċesana Familja fl-Okkażjoni tal-bidu tas-Sena Skolastika Ġdida

Waqt li t-tfal u l-għalliema Maltin qed jirritornaw fl-iskejjel għal bidu ta' sena skolastika ġdida, ħsibijietna żgur imorru f'dawk il-mijiet ta' tfal, għalliema u ġenituri f'Beslan li qatt m'huma se jerġgħu jidħlu mill-bieb ta' l-iskola. Hawn Malta m'għandniex tfal li daqu din it-tbatija li għaddew minnha t-tfal ta' Beslan, iżda għandna numru ta' tfal ġejjin minn familji mgħobbijin bi problemi ta' instabilità, tensjoni u konfużjoni. Għal dawn it-tfal, l-għalliema jservu ta' missier jew omm u qed ikunu *in loco parentis* fil-veru sens tal-kelma. ħafna tfal u żgħażagħ qed ifittxu, fl-għalliema tagħhom, il-mudell ta' adult eżemplari u, fl-iskola, il-post ta' wens u sigurta' li ma jsibux id-dar. Għandna tassew inkunu grati lejn dawk l-għalliema li qed jaqdu dmirijiethom kemm ta' edukaturi kif ukoll ta' "Ġenituri".

Fil-qasam ta' l-edukazzjoni qed isir xogħol imprezzabbli kemm mill-għalliema kif ukoll mill-ġenituri għall-iżvilupp ħolistiku tat-tfal u ż-żgħażagħ tagħna. ħafna huma l-familji li jagħmlu saġrifiċċji kbar għax jagħrfu l-importanza u l-valur ta' l-edukazzjoni. Il-Kummissjoni Djoċesana Familja qed tieħu din l-okkażjoni tal-bidu tas-sena skolastika biex, filwaqt li turi apprezzamant għal dak kollu li diġa' qiegħed isir, tħeġġeġ li, waqt li tkompli tikber din il-ħidma fil-kamp edukattiv, tissaħħaħ aktar il-ko-operazzjoni bejn l-għalliema u l-ġenituri għall-ġid tal-familji tagħna. Tfakkar ukoll li l-għalliema, bħall-ġenituri, għandhom ir-responsabbilta' li jsaħħu l-valuri nsara fl-istudenti tagħhom bil-kelma u, aktar u aktar, bl-eżempju personali tagħhom.

Jalla matul is-sena skolastika li ġejja l-istudenti Maltin jibqgħu jgawdu l-frott ta' din l-edukazzjoni li tipprovdilhom iċ-ċavetta għal futur ta' dinjità, ta' rispett, u ta' solidarjetà, għall-ġid tagħhom u tas-soċjetà kollha.

**Marselle u Servolo Delicata**
(Koppja President, KDF)

27 ta' Settembru 2004

# L-Arċisqof f'Assemblea ta' l-Isqfijiet Ewropej

Mons. Arċisqof Ġużeppi Mercieca se jattendi għal Assemblea Plenarja tal-Kunsill tal-Konferenzi ta' l-Isqfijiet Ewropej (CCEE) li se ssir f'Leeds, l-Ingilterra, mit-30 ta' Settembru sat-3 ta' Ottubru 2004.

Fl-ewwel parti tal-laqgħat tagħhom, il-Presidenti ta' l-34 Konferenza ta' l-Isqfijiet membri tas-CCEE se jiddiskutu r-rwol tal-Kristjaneżmu u l-Knisja fl-Ewropa tal-lum. Huma se jindirizzaw mistoqsijiet bħal: Fiex inhi s-saħħa tal-Kristjaneżmu fl-Ewropa? X'relazzjoni hemm bejn l-identità Nisranija u l-laqgħa bejn ir-reliġjonijiet? Il-Kristjaneżmu kif jista' jikkontribwixxi biex jitrażżnu l-fundamentaliżmu vjolenti u t-terroriżmu?

Se jsir ukoll dibattitu dwar l-istat li jinsab fih bħalissa l-ekumeniżmu. L-isqfijiet se jkunu mitlubin ukoll japprovaw programm għat-Tielet Assemblea Ekumenika Ewropea.

Tema oħra fuq l-aġenda huma r-relazzjonijiet bejn il-Knejjes u l-istituzzjonijiet Ewropej, wara l-approvazzjoni tat-Trattat Kostituzzjonali u d-dibattitu dwar ir-riferenza għal Alla jew l-għeruq Insara ta' l-Ewropa. B'mod partikolari, se jiġu diskussi suġġetti kurrenti mill-aġenda Ewropea li għandhom impatt partikolari fuq il-Knejjes. Se jiġu eżaminati wkoll il-kwistjonijiet etiċi l-iktar urġenti ta' bħalissa.

It-tieni parti ta' l-assemblea se tiffoka fuq ġrajjiet futuri li huma ta' interess komuni għall-Konferenzi ta' l-Isqfijiet, bħalma huma: il-Jum Dinji taż-Żgħażagħ f'Cologne, il-Ġermanja, fl-2005; il-ħidma tas-CCEE dwar l-evanġelizazzjoni u l-kura pastorali; il-mezzi ta' komunikazzjoni soċjali; il-mobilità umana; l-ambjent; u ħidma ma' reliġjonijiet oħrajn.

L-Assemblea Plenarja tasal fi tmiemha b'Quddiesa fil-Kattidral ta' leeds, bhar il-ħadd, 3 ta' Ottubru 2004.

30 ta' Settembru 2004

# Il-Kungress Internazzjonali tas-Saċerdoti: Messaġġ Dirett mill-Papa bis-satellita

Il-Papa Ġwanni Pawlu II aċċetta li nhar l-Erbgħa, 20 ta' Ottubru 2004, waqt l-udjenza ġenerali tiegħu, jagħti messaġġ dirett, permezz tas-satellita, lis-saċerdoti minn madwar 90 pajjiż li se jkunu flimkien f'Malta għall-Kungress Internazzjonali tas-Saċerdoti li se jsir fil-Gżejjer Maltin mit-18 sat-22 ta' Ottubru 2004.

Fil-Kungress, is-saċerdoti se jiddiskutu dwar il-ħidma tas-saċerdot, fuq il-passi ta' San Pawl, biex jgħin in-nies jimxu lejn il-qdusija fil-millennju l-ġdid. Fost is-saċerdoti li se jagħtu kontribut fil-Kungress hemm 15-il Kardinal.

Is-saċerdoti li se jieħdu sehem fil-Kungress jinkludu madwar 300 minn Malta u Għawdex.

Il-Kungress se jiftaħ nhar it-Tnejn, 18 ta' Ottubru 2004 filgħaxija, b'Ċelebrazzjoni fil-KonKattidral ta' San Ġwann, presjeduta mill-Kardinal Dario Castrillon Hoyos, Prefett tal-Kongregazzjoni tal-Kleru.

Il-laqgħat tal-Kungress jibdew it-Tlieta filgħodu, 19 tax-xahar, f'Dar il-Mediterran għall-Konferenzi. Il-ftuħ isir bit-talb ta' sbieħ il-jum u meditazzjoni mmexxija mill-Kardinal George Pell, Arċisqof ta' Sydney, Awstralja. Filgħaxija, il-parteċipanti jitqassmu skond il-lingwa, għal ċelebrazzjoni fi knejjes parokkjali.

Dawn iċ-ċelebrazzjonijiet se jkunu presjeduti minn Kardinali differenti:

Franċiż (Burmarrad): Kardinal Jean-Louis Touran, Arkivista u Librar Pontifiċju, Belt tal-Vatikan.

Ingliż (Naxxar): Kardinal Peter Kodwo Appiah Turkson, Arċisqof ta' Cape Coast, Ghana.

Taljan (San Pawl il-Baħar): Kardinal Marian Jaworsky, Arċisqof ta' Lviv tal-Latini, Ukraine.

Spanjol (Mġarr): Kardinal Francisco Alvarez Martinez, Arċisqof Emeritus ta' Toledo, Spanja.

It-Tlieta filgħaxija wkoll, 19 tax-xahar, il-Kardinal Crescenzio Sepe, Prefett Kongregazzjoni Evanġelizazzjoni tal-Popli, Belt tal-Vatikan, imexxi Quddiesa Solenni fil-Knisja Parrokkjali tal-Mosta.

L-Erbgħa filgħodu, 20 ta' Ottubru, il-Kungress ikompli f'Dar il-Mediterran għall-Konferenzi. Fil-bidu jsiru t-talb ta' sbieħ il-jum u meditazzjoni mmexxija minn Rev. Sean Patrick O'Malley, Arċisqof ta' Boston, Stati Uniti ta' l-Amerika. Filgħaxija, issir ċelebrazzjoni fil-Knisja Parrokkjali tar-Rabat u l-Grotta ta' San Pawl Appostlu, kif ukoll fil-Kattidral ta' l-Imdina. Il-programm jibda bi Professjoni tal-Fidi fil-Grotta ta' San Pawl. Is-saċerdoti mbagħad jimxu sal-Kattidral ta' l-Imdina, fejn issir meditazzjoni mill-Kardinal Camillo Ruini, Vigarju ġenerali tal-Papa għad-Djoċesi ta' Ruma, Italja. Wara, il-Kardinal Ivan Dias, Arċisqof ta' Bombay, Indja, jippresiedi Quddiesa Solenni.

Il-ħamis filgħodu, 21 tax-xahar, il-programm ikompli b'laqgħa oħra f'Dar il-Mediterran għall-Konferenzi. Il-Kardinal Julio Terrazas, Arċisqof ta' Santa Cruz de la Sierra, Bolivja, imexxi t-talb ta' sbieħ il-jum u meditazzjoni. Filgħaxija, is-saċerdoti jkunu akkompanjati għal dawra mal-belt Valletta. Wara, is-saċerdoti jiltaqgħu fil-KonKattidral ta' San Ġwann fejn ikun hemm Adorazzjoni Ewkaristika segwita minn Quddies Solenni presjeduta mill-Kardinal Cormac Murphy O'Connor, Arċisqof ta' Westminster, Renju Unit.

Il-ġimgħa, 22 ta' Ottubru, is-saċerdoti jmorru Għawdex f'Pellegrinaġġ Marjan għas-Santwarju tal-Madonna ta' Pinu. Il-programm jibda bit-talb tal-Laudi fil-Knisja tax-Xewkija. Wara ssir żjara lill-Kattidral u ċ-Ċittadella. Wara nofsinhar, is-saċerdoti jinġabru quddiem il-Bażilika tal-Madonna ta' Pinu. Il-Kardinal Georg Maximilian Sterzinsky, Arċisqof ta' Berlin, ġermanja, imexxi meditazzjoni. Imbagħad jingħad ir-Rużarju Mqaddes. Iċ-ċelebrazzjoni tkompli b'Quddiesa Solenni presjeduta mill-

Kardinal Angelo Sodano, Segretarju ta' l-Istat, Belt tal-Vatikan. Fl-għeluq isir Att ta' Konsagrazzjoni lill-Verġni Mqaddsa Marija.

Żewġ Kardinali oħrajn li ġejjin Malta wkoll huma l-Kardinal Angelo Scola, Patrijarka ta' Venezja, Italja, u l-Kardinal Jose' Saraiva Martins, Prefett Kongregazzjoni Kawżi tal-Qaddisin, Belt tal-Vatikan, li se jkunu fost il-kelliema tal-Kungress.

5 ta' Ottubru 2004

# Fond tal-Caritas għall-vittmi tad-diżastru f'Haiti

Il-Caritas Malta qed tappella għal offerti ta' flus biex jiġu megħjuna n-nies ta' Haiti li tilfu lil nieshom u djarhom kaġun tal-ħerba li ħalla warajh ċiklun li ħakem il-pajjiż.

Min jixtieq jikkontribwixxi jista':

- jagħti l-offerta tiegħu lill-Kappillani ta' Malta u Għawdex; jew

- jagħmel depożitu fil-Kontijiet Bankarji li ġejjin: APS - 2000021780-2; Bank of Valletta - 400 1377271-2; HSBC-089-021513-051; jew

- jibgħat ċekk indirizzat lil "Caritas - Fond Haiti", 5 Triq Iljun, Floriana VLT 16; jew

- jippreżenta d-donazzjoni personalment lill-Caritas.

Il-flus li jinġabru jintbagħtu lill-Caritas Internationalis, li diġa' bdiet taħdem biex tgħin lin-nies milquta.

5 ta' Ottubru 2004

# Jinstab relikwarju tal-Fidda li kien misruq

Relikwarju tal-fidda bir-relikwa tal-Beatu Nazju Falzon li kien insteraq mill-Knisja Kolleġġjata ta' San Pawl Nawfragu, Valletta, fit-3 ta' Jannar 2003 instab żarmat f'kaxxa tal-kartun li xi ħadd qiegħed wara l-istatwa tal-Madonna tad-Duluri fil-Kappella tal-Karità, fl-istess knisja.

Nhar l-Erbgħa li għadda filgħaxija, persuna innotat li wara l-istatwa tal-Madonna tad-Duluri kien hemm kaxxa tal-kartun. Din il-persuna marret tavża lill-Arċipriet. Meta l-Arċipriet, il-Kan. Alfred Camilleri mar jeżamina l-kaxxa, fiha sab ir-relikwarju żarmat.

8 ta' Ottubru 2004

# Il-Kungress Internazzjonali tas-Saċerdoti: Mistennija madwar elf parteċipant

Il-Kongregazzjoni tal-Vatikan għall-Kleru qed tistenna li fil-Kungress Internazzjonali tas-Saċerdoti li se jsir f'Malta l-ġimgħa d-dieħla jieħdu sehem madwar elf saċerdot minn 280 djoċesi, mifruxin f'iżjed minn 80 pajjiż differenti.

Is-saċerdoti Maltin u Għawdxin li se jieħdu sehem fil-Kungress jilħqu kważi 300.

Apparti 13-il Kardinal li kollha se jagħtu xi sehem jew ieħor fl-attivitajiet diversi tal-Kungress, se jieħdu sehem ukoll 21 isqof minn 12-il pajjiż.

Il-kongregazzjonijiet reliġjużi li se jkunu rappreżentati huma 30.

Il-Kungress se jiddiskutu l-ħidma tas-saċerdot biex jgħin in-nies jimxu lejn il-qdusija fil-millennju l-ġdid.

Il-Kungress jiftaħ nhar it-Tnejn, 18 ta' Ottubru 2004 filgħaxija, b'Ċelebrazzjoni fil-KonKattidral ta' San Ġwann, presjeduta mill-Kardinal Dario Castrillon Hoyos, Prefett tal-Kongregazzjoni tal-Kleru.

Il-laqgħat tal-Kungress jibdew it-Tlieta filgħodu, 19 tax-xahar, f'Dar il-Mediterran għall-Konferenzi.

13 ta' Ottubru 2004

# Il-Kungress Internazzjonali tas-Saċerdoti: il-programm kollu tal-Kungress

Il-Kungress Internazzjonali tas-Saċerdoti se jiftaħ nhar it-Tnejn, 18 ta' Ottubru 2004, fis-6.00 p.m., fil-KonKattidral ta' San Ġwann, b'Diskors ta' Merħba minn Mons. Arċisqof Ġużeppi Mercieca u Konċelebrazzjoni presjeduta mill-Kardinal Dario Castrillon Hoyos, Prefett tal-Kongregazzjoni tal-Kleru.

Il-laqgħat tal-Kungress jibdew it-Tlieta filgħodu, 19 tax-xahar, fid-9.00 a.m., f'Dar il-Mediterran għall-Konferenzi. Il-ftuħ isir bit-talb ta' sbieħ il-jum u meditazzjoni mmexxija mill-Kardinal George Pell, Arċisqof ta' Sydney, Awstralja.

L-Ewwel Konferenza tal-Kungress tkun dwar, "Pawlu, l-evanġelizazzjoni u l-isfida tal-inkontru tal-kulturi", mill-Kardinal Dario Castrillon Hoyos, Belt tal-Vatikan. It-Tieni Konferenza tkun dwar, "Il-Qdusija Trinitarja tas-Saċerdot", minn Mons. Isqof. Bruno Forte, Teologu Taljan.

It-Tlieta filgħaxija, il-parteċipanti jitqassmu skond il-lingwa, għal ċelebrazzjoni f'erba' parrokkjali. Dawn iċ-ċelebrazzjonijiet, li jibdew fit-3.30 p.m., se jkunu presjeduti minn Kardinali differenti:

Franċiż (Burmarrad): Kardinal Jean-Louis Touran, Arkivista u Librar Pontifiċju, Belt tal-Vatikan.

Ingliż (Naxxar): Kardinal Peter Kodwo Appiah Turkson, Arċisqof ta' Cape Coast, Ghana.

Taljan (San Pawl il-Baħar): Kardinal Marian Jaworsky, Arċisqof ta' Lviv tal-Latini, Ukraine.

Spanjol (Mġarr): Kardinal Francisco Alvarez Martinez, Arċisqof Emeritus ta' Toledo, Spanja.

It-Tlieta filgħaxija wkoll, 19 tax-xahar, fis-6.00 p.m., il-Kardinal Crescenzio Sepe, Prefett Kongregazzjoni Evanġelizazzjoni tal-Popli, Belt tal-Vatikan, imexxi Quddiesa Solenni fil-Knisja Parrokkjali tal-Mosta.

L-Erbgħa filgħodu, 20 ta' Ottubru, fid-9.00 a.m., il-Kungress ikompli f'Dar il-Mediterran għall-Konferenzi. Fil-bidu jsiru t-talb ta' sbieħ il-jum u meditazzjoni mmexxija minn Rev. Sean Patrick O'Malley, Arċisqof ta' Boston, Stati Uniti ta' l-Amerika. It-Tielet Konferenza tal-Kungress tkun dwar, "Il-qdusija Kristoċentrika tas-Saċerdot", minn Mons. Juan Esquerda Bifet, Teologu Spanjol. Ir-Raba' Konferenza tkun dwar, "Il-qdusija Pnewmatoloġika-Pawlina tas-Saċerdot", minn Fr. Raniero Cantalamessa OFM Cap, Predikatur tad-Dar tal-Papa.

L-Erbgħa filgħaxija, fit-3.30 p.m., issir ċelebrazzjoni fil-Knisja Parrokkjali tar-Rabat u l-Grotta ta' San Pawl Appostlu, kif ukoll fil-Kattidral ta' l-Imdina. Il-programm jibda bi Professjoni tal-Fidi fil-Grotta ta' San Pawl. Is-saċerdoti mbagħad jimxu sal-Kattidral ta' l-Imdina, fejn issir meditazzjoni mill-Kardinal Camillo Ruini, Vigarju ġenerali tal-Papa għad-Djoċesi ta' Ruma, Italja. Wara, il-Kardinal Ivan Dias, Arċisqof ta' Bombay, Indja, jippresiedi Quddiesa Solenni, li tibda fis-6.00 p.m..

Il-Ħamis filgħodu, 21 tax-xahar, fid-9.00 a.m., il-programm ikompli b'laqgħa oħra f'Dar il-Mediterran għall-Konferenzi. Il-Kardinal Julio Terrazas, Arċisqof ta' Santa Cruz de la Sierra, Bolivja, imexxi t-talb ta' sbieħ il-jum u meditazzjoni. Il-ħames Konferenza tal-Kungress tkun dwar, "Il-qdusija Ewkaristika tas-Saċerdot", mill-Kardinal Angelo Scola, Patrijarka ta' Venezja, Italja. Is-Sitt Konferenza tkun dwar, "Il-qdusija Marjana tas-Saċerdot", mill-Kardinal Jose' Saraiva Martins, Prefett Kongregazzjoni Kawżi tal-Qaddisin, Belt tal-Vatikan.

Il-Ħamis filgħaxija, fit-3.00 p.m., is-saċerdoti jkunu akkompanjati għal dawra mal-belt Valletta. Wara, is-saċerdoti jiltaqgħu fil-KonKattidral ta' San Ġwann fejn fil-5.30 p.m. ikun hemm Adorazzjoni Ewkaristika segwita minn Quddies Solenni fis-6.00 p.m. presjeduta mill-Kardinal Cormac Murphy O'Connor, Arċisqof ta' Westminster, Renju Unit.

Il-Ġimgħa, 22 ta' Ottubru, fit-8.30 a.m., is-saċerdoti jmorru Għawdex f'Pellegrinaġġ Marjan. Il-programm jibda fil-Knisja tax-Xewkija, fid-9.30 a.m.. Isir Diskors ta' Merħba minn Mons. Isqof Nikol Ġ. Cauchi, segwit bit-talb tal-Lawdi u Meditazzjoni mill-Kardinal Georg Maximilian Sterzinsky, Arċisqof ta' Berlin, ġermanja. Imbagħad issir żjara lill-Kattidral, iċ-Ċittadella u l-belt Victoria. Fit-3.00 p.m., is-saċerdoti jżuru s-Santwarju tal-Madonna ta' Pinu. Fit-3.30 p.m., quddiem is-Santwarju, jingħad Rużarju Meditat. Iċ-ċelebrazzjoni tkompli b'Quddiesa Solenni fl-4.30 p.m., presjeduta mill-Kardinal Angelo Sodano, Segretarju ta' l-Istat tal-Vatikan. Fl-għeluq isir Att ta' Konsagrazzjoni lill-Verġni Mqaddsa Marija.

15 ta' Ottubru 2004

# Assoċjazzjoni ġenituri ta' tfal fi skejjel tal-Knisja: Konferenza dwar it-tibdil u l-isfidi quddiem l-iskejjel

It-Tielet Konferenza Edukattiva li se tiġi organizzata mill-Assoċjazzjoni ta' ġenituri ta' Tfal fi Skejjel tal-Knisja (SPCCS) se ssir nhar il-ġimgħa, 3 ta' Diċembru (6.00 p.m. - 8.30 p.m.) u s-Sibt, 4 ta' Diċembru 2004 ( 9.00 a.m. - 1.00 p.m.) fil-Kunvent tas-Sorijiet tal-Qalb ta' Ġesù, San Ġiljan, bit-tema "It-Tibdil u l-Isfidi - id-Dar u l-Iskola Flimkien."

Il-kelliema jinkludu lil Dun Anton Gouder, dwar "Il-bidliet fil-familja u l-valuri fl-Iskejjel tal-Knisja"; David Polidano dwar "l-isfidi tas-Sinodu vis-a-vis il-ġenituri ta' tfal fl-Iskejjel tal-Knisja"; Grace Attard dwar "L-isfidi li qed iħabbtu wiċċhom magħhom l-għalliema biex jedukaw it-tfal fid-dinja tal-lum"; Bro. Saviour Gatt FSC dwar "L-isfidi kurrenti li qed iħabbat wiċċu magħhom kulħadd fit-trobbija tat-tfal"; Fr. Dominic Scerri, dwar "L-isfidi li qed tħabbat wiċċha magħhom l-APCCS biex issaħħaħ il-karattru, l-identità u l-awtonomija ta' l-Iskejjel tal-Knisja"; u Dr. Carmel Borg dwar "L-isfida tal-kwistjoni tal-Portfolio ta' l-Iskejjel".

Il-Konferenza se tiġi presjeduta mill-ġurnalista Godfrey Grima. Id-diskorsi se jkunu bil-Malti.

Min jixtieq jattendi l-Konferenza jista' jew jibagħat messaġġ bl-email lil brosavsfc@maltachurch.org.mt, jew jittelefona lis-Segretarjat Edukazzjoni Kattolika fuq numru 25906302, jew jirreġistra fid-dħul għall-Konferenza nofs siegħa qabel tibda.

Mariella Grech
*Presidenta APCCS*

23 ta' Ottubru 2004

# Servizz fil-Konkattidral ta' San Ġwann

It-Tnejn, l-1 ta' Novembru u t-Tlieta, 2 ta' Novembru, Festi tal-Qaddisin Kollha u ta' l-Erwieħ, fit-8.30 a.m., Mons. Arċisqof Ġużeppi Mercieca se jqaddes fil-KonKattidral ta' San Ġwann.

Il-ħadd, 7 ta' Novembru, fid-9.15 a.m., Mons. Arċisqof Felix del Blanco Prieto, Nunzju Appostoliku, se jmexxi Pontifikal fl-okkażjoni ta' għeluq il-50 sena mill-Inkurunazzjoni tal-Madonna ta' Caraffa.

Il-ħadd, 14 ta' Novembru, fid-9.15 a.m., jiġi ċelebrat Jum it-Tifkira.

L-Erbgħa, 8 ta' Diċembru, tiġi ċelebrata l-Festa tal-Madonna ta' Caraffa. Fid-9.15 a.m., Mons. Arċisqof Ġ. Mercieca jmexxi Pontifikal. Fl-4.30 p.m. issir purċissjoni bil-kwadru tal-Madonna. Il-purċissjoni tgħaddi minn Triq Merkanti, Triq l-Arċisqof, Triq ir-Repubblika u lura fil-KonKattidral.

25 ta' Ottubru 2004

# Kappillan ġdid għall-Parroċċa tal-Gżira

Mons. Arċisqof Ġużeppi Mercieca nnomina lil Dun Karm Tanti bħala Kappillan tal-Parroċċa tal-Gżira.

Dun Karm Tanti twieled Ħal Lija fl-20 ta' Frar 1949 u ġie ordnat saċerdot fl-20 ta' Lulju 1974.

L-ewwel dmirijiet saċerdotali ta' Dun Karm Tanti kienu dawk ta' Viċi-Parroku fil-Parroċċi ta' ħal Lija, Madonna ta' Lourdes Raħal Ġdid, San Girgor tas-Sliema, u Sant'Elena Birkirkara.

F'Ġunju 1994, Dun Karm Tanti ġie nominat Kappillan tal-Parroċċa tal-Mellieħa.

30 ta' Ottubru 2004

# Intenzjonijiet Appostolat tal-talb 2005

## Jannar

*Ġenerali*: Sabiex dawk kollha li qed jaħdmu fil-Lvant Nofsani jsaħħu aktar l-isforzi tagħhom għall-paċi.

*Missjunarja*: Sabiex fl-artijiet tal-Missjoni jitrawmu appostli qaddisa u ġenerużi, mħeġġin biex ixandru il-Vanġelu ta' Kristu lil kulħadd.

*Isqfijiet:* Sabiex l-insara ta' pajjiżna, iħarsu lejn Ġesù Ewkaristija, bħala ċ-ċentru tal-ħajja tagħhom u jieħdu sehem kif jixraq fis-Sagrifiċċju Ewkaristiku.

## Frar

*Ġenerali:* Sabiex il-morda, speċjalment l-aktar foqra fosthom, jirċievu l-kura u t-trattament mediku den ta' persuni umani.

*Missjunarja*: Sabiex il-missjunarji kollha, rġiel u nisa, jifhmu aktar li biss permezz ta' l-imħabba mħeġġa għal Kristu jistgħu jwasslu l-Vanġelu b'mod effettiv u konvinċenti.

*Isqfijiet:* Sabiex il-mezzi tal-komunikazzjoni soċjali f'pajjiżna jservu bħala mezz tajjeb għar-ri-evanġelizzazzjoni tas-soċjetà tagħna.

## Marzu

*Ġenerali:* Sabiex fil-politika u fil-pjanijiet ta' l-iżvilupp tagħhom il-gvernijiet ta' kull nazzjon iqisu dejjem il-fqar, l-emarġinati u l-batuti.

*Missjunarja*: Sabiex kull Knisja individwali issir konxja ta' l-urġenza li dejjem qed tikber li jitħejjew Nsara qaddisin kapaċi li jaffrontaw l-isfidi ta' l-evanġelizzazzjoni ġdida.

*Isqfijiet:* Sabiex fiż-żmien ta' penitenza tar-Randan Imqaddes l-Insara tal-gżejjer tagħna juru dejjem ġenerożità ikbar ma' dawk fil-bżonn.

## April

*Ġenerali:* Sabiex l-insara jgħixu l-ħdud bħala jiem tal-Mulej u jiddedikawhom b'mod speċjali lil Alla u lil għajrhom.

*Missjunarja*: Sabiex kull komunità nisranija jkollha żelu li jħeġġeġ għall-qdusija sabiex iqabbdu ħafna vokazzjonijiet missjunarji.

*Isqfijiet:* Sabiex jissoktaw u jikbru fostna l-inizjattivi ta' voluntarjat Nisrani, speċjalment fost iż-żgħażagħ.

## Mejju

*Ġenerali*: Sabiex dawk li huma ppersegwitati minħabba l-fidi u l-ġustizzja jħossu l-konsolazzjoni u l-qawwa ta' l-Ispirtu s-Santu.

*Missjunarja*: Sabiex l-Opri Missjunarji Pontifiċi, suġġeriti mill-Papa u l-Isqfijiet għall-evanġelizzazzjoni tan-nazzjonijiet kollha, jgħinu lill-poplu t'Alla u jġagħluh iħoss li għandu sehem reali xi jwettaq fil-missjoni "Ad Gentes".

*Isqfijiet:* Sabiex fil-knejjes u fid-dar tal-familji tagħna, tkun tidher iktar u tinħass id-devozzjoni awtentika lejn il-Verġni Mbierka.

## Ġunju

*Ġenerali:* Sabiex is-soċjetà b'atti konkreti ta' mħabba Nisranija u fraterna tgħin il-miljuni ta' rifuġjati li qed jgħixu f'miżerja u jinsabu abbandunati.

*Missjunarja*: Sabiex is-sagrament ta' l-Ewkaristija jkun magħruf aktar u aktar bħala l-qalb dejjem tbaqbaq tal-ħajja tal-Knisja.

*Isqfijiet*: Sabiex il-familji tagħna jagħrfu jgħixu bl-aħjar mod il-konsagrazzjoni tagħhom lil Qalb Divina ta' Ġesù u l-Qalb Immakulata ta' Marija.

## Lulju

**Ġenerali**: Sabiex l-Insara jkunu sensittivi għall-ħtiġijiet ta' l-oħrajn kollha, bla ma jaħbu dak li jitlob minnhom il-messaġġ evanġeliku.

*Missjunarja*: Sabiex l-imgħammdin kollha jimpenjaw ruħhom, kull wieħed u waħda skond l-istat tal-ħajja tagħhom, biex jittrasformaw s-soċjetà billi jdaħħlu id-dawl tal-Vanġelu fil-mentalità u fl-istrutturi tad-dinja.

*Isqfijiet:* Sabiex it-turisti, li jżuru pajjiżna fil-btajjel tas-sajf, jibqgħu edifikati bl-imġieba tajba tagħna bħala kattoliċi.

## Awissu

*Ġenerali*: Sabiex il-Jum Dinji taż-Żgħażagħ inebbah u jerġa' jqajjem fiż-żgħażagħ ix-xewqa li jiltaqgħu ma' Kristu u jsibu fih il-gwida ta' ħajjithom.

*Missjunarja*: Sabiex il-qassisin, reliġjużi irġiel u nisa, seminaristi u lajċi li jiġu mill-artijiet tal-missjoni u qed ikomplu l-formazzjoni tagħhom f'Ruma, jagħmlu mill-qagħda tagħhom fil-"Belt Eterna" żmien ta' rikkezza spiritwali.

*Isqfijiet:* Sabiex il-ħin liberu jkun għal kulħadd żmien ta' mistrieħ u li jservi biex iressaq l-erwieħ iktar qrib lejn Alla.

## Settembru

*Ġenerali*: Sabiex id-dritt tal-libertà reliġjuża jkun rispettat mill-gvernijiet ta' popli kollha.

*Missjunarja*: Sabiex ix-xandir tal-messaġġ Nisrani fil-Knejjes ġodda jkun sgur li jidħol sewwa fil-kulturi eżistenti.

*Isqfijiet:* Sabiex il-ħidma għall-paċi fuq kull livell, tibqa' miexja bla tfixkil u tati wkoll il-frott mixtieq.

## Ottubru

*Ġenerali*: Sabiex l-Insara ma jaqtgħux qalbhom meta jkunu attakkati tas-soċjetà sekolarizzata, iżda b'fiduċja sħiħa, jagħtu xhieda tal-fidi u tat-tama tagħhom.

*Missjunarja*: Sabiex l-Insara li għandhom id-dmir li jitolbu għall-opri missjunarji, jikkontribwixxu wkoll l-għajnuniet ekonomiċi.

*Isqfijiet:* Sabiex il-Mulej, bl-interċessjoni ta' Ommna Marija, jbierek u jseddaq il-ħidma appostolika tal-ħafna missjunarji, saċerdoti u lajċi li ħallew Art Twelidna biex jgħinu fl-evanġelizzazzjoni ta' pajjiżi oħra.

## Novembru

*Ġenerali*: Sabiex il-miżżewġin jimitaw l-eżempju tal-qdusija konjugali li juru ħafnakoppji fil-kondizzjonijiet ordinarji tal-ħajja.

*Missjunarja*: Sabiex l-Isqfijiet fl-artijiet tal-missjoni jsiru kostantement aktar konxji tad-dmir tagħhom li jġibu 'l quddiem il-formazzjoni permanenti tas-saċerdoti tagħhom.

*Isqfijiet:* Sabiex it-tagħlim Soċjali tal-Knisja jiġi apprezzat u aċċettat mill-Insara tagħna u jkun għalihom dawl u ta' gwida fid-deċiżjonijiet tagħhom.

## Diċembru

*Ġenerali:* Sabiex in-nies jifhmu u japprezzaw aktar id-dinjità ta' l-irġiel u tan-nisa skond il-pjan tal-ħallieq.

*Missjunarja*: Sabiex fid-dinja, it-tfittxija t'Alla u l-għatx għall-verità jmexxu lill-bniedem lejn il-Mulej.

*Isqfijiet*: Sabiex kemm iż-żgħar kif ukoll il-kbar japprezzaw il-Kotba Mqaddsa u fil-qari u l-meditazzjoni tagħhom isibu ikel spiritwali li jkun ta' għajnuna biex jissaħħu fil-ħajja Nisranija.

**LIBRERIJA PUBBLIKA
TAL-KATIDRAL
TRIQ QASAM SAN GORG
VICTORIA GOZO
TEL. 21560479**

# WERREJ

## DOKUMENTI MILL-KNISJA UNIVERSALI

Messaġġ tal-Qdusija Tiegħu l-Papa Ġwanni Pawlu II
għall-Ħadd Dinji tal-Missjoni 2004 ........ 509
Apostolic Letter **MANE NOBISCUM DOMINE** ........ 514
Messaġġ tal-Papa għad-90 Jum Dinji ta' l-Emigranti u r-Refuġjati........ 532

## DOKUMENTI MILL-KURJA

L-40 Anniversarju ta' l-Indipendenza: Messaġġ ta' Monsinjur Arċisqof ........ 536
It-30 Anniversarju ta' l-Ordinazzjoni Episkopali ta' Monsinjur Arċisqof ........ 540
Is-26 Anniversarju tal-Papa Ġwanni Pawlu II: Diskors ta' Monsinjur Arċisqof........ 545
Ċirkolari 460 ........ 548
Ċirkolari 461 ........ 549

## STQARRIJIET OĦRA MILL-KURJA

Kors għal tfajliet li se jiżżewġu rġiel mhux Maltin........ 550
Seminar għas-saċerdoti dwar l-omelija ........ 551
Il-Kurja tinvestiga l-inċidenti waqt il-Festa ta' Ħaż-Żabbar........ 552
Digriet u Regolamenti dwar Festi Esterni – 23/12/2002........ 553
It-30 Anniversarju ta' l-Ordinazzjoni Episkopali ta' Monsinjur Arċisqof ........ 556
Assemblea tiddiskuti l-ġejjieni fid-dawl tas-Sinodu........ 557
Messaġġ tal-Kummissjoni Djoċesana Familja
fl-okkażjoni tal-bidu ta' Sena Skolastika ġdida ........ 560
L-Arċisqof f'Assemblea ta' l-Isqfijiet Ewropej........ 561
Kungress Internazzjonali tas-Saċerdoti: Messaġġ tal-Papa bis-satellita ........ 562
Fond tal-Caritas għall-vittmi tad-diżastru f'Haiti........ 564
Jinstab Relikwarju tal-fidda li kien misruq........ 565
Kungress Internazzjonali tas-Saċerdoti: mistennija elf parteċipant ........ 566
Kungress Internazzjonali tas-Saċerdoti: programm........ 567
SPCCS: Konferenza dwar it-tibdil u l-isfidi quddiem l-iskejjel ........ 570
Servizzi fil-Konkattidral ta' San Ġwann ........ 571
Kappillan ġdid għall-Parroċċa tal-Gżira........ 572
Intenzjonijiet Apostolat tat-Talb 2005 ........ 573